**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Kane Grima**
**Perrie Daniel Amarni Sciberras**
**Josef Galea**

**Illum tmienja u għoxrin (28) ta' Ottubru 2021**

**Kumpilazzjoni numru: 151/2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Kane Grima**, detentur tal-karta tal-identita' numru 333095(M), **Perrie Daniel Armani Sciberras**, detentur tal-karta tal-identita' numru 66250(A) u **Josef Galea**, detentur tal-karta tal-identita' numru 286796(M), billi huma akkuzati kollha:

1. Talli fit-2 ta' Marzu 2016, minn go stabbiliment 'Drinks and More' fi Vjal ir-Rihan, San Gwann, ikkommettew serq ta' flus kontanti ta' ammont €1,400 euro u kif ukoll tnejn u ghoxrin (22) pakkett sigaretti ta' marka Rothmans, liema serq hu kwalifikat bil-hin, vjolenza u bil-valur li ma jeccediex l-ammont ta' elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin

Ewro u sebgha u tletin centezmi ta' Ewro (2329.37c Ewro), ghad-detriment ta' Joseph Mary Cardona u/jew persuna/i ohra.

2. Talli minghajr ordni skont il-Ligi tal-Awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Pamela Sant kontra l-volonta' taghha.

3. Ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew xort'ohra sabiex jindahlu biex ibieghu jew imexxu.

U Perrie D.Amarni Sciberras u Kane Grima akkuzati wkoll talli:

1. Fit-8 ta' Marzu 2016, minn go stabbiliment 'The Convenience Shop' fi Triq l-Isqof F.S. Caruana, Msida, ikkommettew serq ta' flus kontanti ta' ammont €1943 euro u kif ukoll sitt mitt (600) mobile phone top up cards, liema serq hu kwalifikat bil-hin, bil-vjolenza u bil-valur li jeccedi l-ammont ta' elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmi ta' Ewro (2329.37c Ewro), ghad-detriment ta' Rino Micallef u/jew persuna/i ohra.

2. Minghajr ordni skont il-Ligi tal-Awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Jurgen Slowe, Brandon Cardona u Miguel Vella kontra l-volonta' taghhom.

3. Assocjaw ma' xi persuna jew persuni f'Malta bil-ghan li jaghmlu delitt/i f'Malta li ghalihom hemm il-piena ta' prigunerija u li ma kienux delitti taht l-Att dwar l-Istampa, mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tigi ppjanata jew mifthema.

U Kane Grima u Josef Galea akkuzati wkoll talli:

4. Fil-11 ta' Frar 2016, minn go stabbiliment 'Tal-Kantuniera Convenience Store' fi Triq D'Argens Gzira, ikkommettew serq ta' flus kontanti ta' ammont €2,868 euro, liema serq hu kwalifikat bil-hin, vjolenza u bil-valur li jeccedi l-ammont ta' elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmi ta' Ewro (2329.37c Ewro), ghad-detriment ta' Carmel Catania u/jew persuna/i ohra.

5. Minghajr ordni skont il-Ligi tal-Awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Carmel Catania, kontra l-volonta' tieghu.

6. Fis-06 ta' Jannar 2016, minn go stabbiliment 'The Convenience Shop' fi Triq il-Gzira, Gzira, ikkommettew serq ta' flus kontanti ta' ammont €900 euro, liema serq hu kwalifikat bil-hin, vjolenza u bil-valur li ma jeccediex l-ammont ta' elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmi ta' Ewro (2329.37c Ewro) ghad-detriment ta' Ivan Calleja u/jew persuna/i ohra.

7. Minghajr ordni skont il-Ligi tal-Awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Sheldon Zammit u Terry Wood, kontra l-volonta' taghhom.

8. Fid-19 ta' Frar 2016, minn go Banka ta' Lotto fi Triq il-Mensija San Gwann, ikkommettew serq ta' flus kontanti ta' ammont €1,021.50c euro, liema serq hu kwalifikat bil-hin, vjolenza u bil-valur li ma jeccediex l-ammont ta' elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmi ta' Ewro (2329.37c Ewro), ghad-detriment ta' Joseph Mary Cardona u/jew persuna/i ohra.

9. Minghajr ordni skont il-Ligi tal-Awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Joseph Mary Cardona, kontra l-volonta' taghha.

10. F'xi hin nhar it-2 ta' Marzu 2016, ikkommettew serq ta' pjanci JBU-301 minn vettura Mazda li kienet parkjata fi Triq taz-Zwejt, San Gwann, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Joyce Schembri.

11. Fit-2 ta' Marzu 2016, minn go stabbiliment 'Drinks and More' fi Vjal ir-Rihan San Gwann, ikkommettew serq ta' flus kontanti ta' ammont €1,400 euro u kif ukoll tnejn u ghoxrin (22) pakkett sigaretti ta' marka Rothmans, liema serq hu kwalifikat bil-hin, vjolenza u bil-valur li ma jeccediex l-ammont ta' elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u

sebgha u tletin centezmi ta' Ewro (2329.37c Ewro) ghad-detriment ta' Joseph Mary Cardona u/jew persuna/i ohra.

12. Minghajr ordni skont il-Ligi tal-Awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Pamela Sant kontra l-volonta' taghha.

13. F'xi hin fis-16 ta' Marzu 2016, ikkommettew serq ta' pjanci CBO - 074 minn vettura Mitsubishi li kienet parkjata Manoel Island, Gzira, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Zoe Nicole Horesewood.

Kane Grima akkuzat wahdu talli:

14. F'dawn il-Gzejjer seraq pistola ta' ghamla mhux maghrufa b'numru ta' serje mhux maghruf li jiswa aktar minn mija u sittax –il Euro (Euro 116) pero' anqas minn elfejn u hames mitt Euro (Euro 2,500) ghad-detriment ta' persuna mhux maghrufa, liema serq hu aggravat bil-valur tal-haga misruqa.

15. Ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu, arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu.

16. Ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gie fil-pussess ta' arma tan-nar, jigifieri pistola jew munizzjon, xort'ohra milli b'licenzja u minnufih naqas jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-pulizija, halli jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon ghandhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tkun tat dak l-avviz.

17. U talli kellu fil-pussess tieghu arma ta' nar minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-pulizija.

18. Fl-istess data, lok u hin gewwa l-Imsida u wara li kien gie kkundannat f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni b'diversi sentenzi, kien fil-pussess ta' ghodod tajbin cioe` u balaklava minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu nstabu ghandu f'dak iz-zmien.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol. 1062*) datata 15 ta' Lulju 2019 li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

Fil-konfront ta' Kane Grima, Perrie Daniel Amarni Sciberras u Josef Galea:

- Fl-artikoli 261(a), 261(c), 261(f), 262, 267, 270, 275, 276, 277, 279(a), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 334(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-artikoli 17, 23, 31, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-konfront ta' Perrie Daniel Amarni Sciberras u Kane Grima:

- Fl-artikoli 261(a), 261(c), 261(f), 262, 267, 270, 275, 276, 277, 279(b), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 48A[1] tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-konfront ta' Kane Grima u Josef Galea:

- Fl-artikoli 261(a), 261(c), 261(f), 262, 267, 270, 275, 276, 277, 279(b), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 261(a), 261(c), 261(f), 262, 267, 270, 275, 276, 277, 279(a), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 261(a), 261(c), 261(f), 262, 267, 270, 275, 276, 277, 279(a), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 261(g), 271 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 261(g), 271 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] Kif kien qabel l-emendi introdotti permezz tal-Att XI tal-2018.

Fil-konfront ta' Kane Grima:

- Fl-artikoli 261(c), 267 u 279(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 5(1), 51(2) u 56 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 41, 51(8) u 56 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 287 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-udjenza tat-18 ta' Gunju 2020 (*a fol. 1161)* gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-15 ta' Lulju 2019.

Semgħet lill-imputati jiddikjaraw f'dik l-istess seduta li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Semgħet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat illi, waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2020 il-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li ma kelliex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz u b'hekk ghalqet il-provi taghha;

Semgħet il-provi prodotti mid-difiza.

Rat illi, waqt is-seduta tat-13 ta' April 2021 id-difiza tat-tlett imputati iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu u b'hekk għalqu l-provi

tagħhom u l-Qorti kkoncediet zmien lill-partijiet sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub dwar dan il-kaz;

Rat illi l-Prosekuzzjoni pprezentat s-sottomissjonijiet taghha bil-miktub fit-13 ta' Mejju 2021 (Fol. 1255 et seq)

Rat illi fit-28 ta' Mejju 2021 Perrie Daniel Amarni Sciberras ipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub (Fol. 1258 et seq)

Rat illi fl-14 ta' Lulju 2021 Josef Galea ipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub (Fol. 1267 et seq)

Rat illi l-imputat Kane Grima ma prezenta l-ebda s-sottomissjonijiet bil-miktub minkejja li ingħata l-possibilita li jagħmel dan;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat l-verbal tas-seduta tal-għaxra (10) ta' Settembru 2021 fejn il-kawza kienet differita għallum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

*XHIEDA*

F'dan il-process xehdu disa' u tmenin (89) xhud kif gej:

Sheldon Zammit (*a fol* 30 et. seq.); Terry Wood (*a fol* 35 et. seq.); Joseph Cardona (*a fol* 39 et. seq.); Carmel Catania (*a fol* 42 et. seq.); Pamela Sant (*a*

*fol* 47 et. seq.); Jurgen Slow (*a fol* 52 et. seq.); Miguel Vella (*a fol* 57 et. seq.); Brandon Cardona (*a fol* 61 et. seq.); PC 837 Daniel Zammit (*a fol* 66 et. seq.); PC 913 Neil Pace (*a fol* 77 et. seq.); PS 463 Christopher Ellul (*a fol* 126 et. seq.); Spettur Jonathan Ransley (*a fol* 149 et. seq.); Dr. Stephanie Abela (*a fol* 165 et. seq.); PS 90 Jeffrey Gerada (*a fol* 173 et. seq.); PS 1540 Edmond Fenech (*a fol* 188 et. seq.); Stephen Cachia (*a fol* 221 et. seq.); Michael Tanti (*a fol* 237 et. seq.); PC 327 Sean Pace (*a fol* 240 et. seq.); PS 157 Brian Mifsud (*a fol* 243 et. seq.); PS 1128 Glenn Sammut (*a fol* 255 et. seq.); PC 149 Jesmond Abela (*a fol* 267 et. seq.); Peter England (*a fol* 271 et. seq.); Godwin Sammut (*a fol* 284 et. seq.); Lucianne Cini (*a fol* 295 et. seq.); Carmel Catania (*a fol* 301 et. seq.); Joseph Mary Cardona (*a fol* 305 et. seq.); Joseph Mangion (*a fol* 309 et. seq.); Philip Gatt (*a fol* 312 et. seq.); Andrew Attard (*a fol* 319 et. seq.); Lucianne Cini (*a fol* 323 et. seq.); Spettur Carlos Cordina (*a fol* 329 et. seq.); Spettur Jonathan Ransley (*a fol* 343 et. seq.); Spettur Carlos Cordina (*a fol* 365 et. seq.); Spettur Fabian Fleri (*a fol* 372 et. seq.); PC 1525 Patrick Farrugia u PS 637 Kevin Manicolo (*a fol* 628 et. seq.); PS 602 Jonathan Attard (*a fol* 670 et. seq.); PS 122 Arthur Borg (*a fol* 677 et. seq.); PS 659 Jeffrey Hughes (*a fol* 693 et. seq.); PS 186 Christian Mintoff (*a fol* 710 et. seq.); Spettur Paul Camilleri (*a fol* 712 et. seq.); Spettur Jonathan Ransley (*a fol* 721 et. seq.); PS 637 Kevin Manicolo (*a fol* 737 et. seq.); PS 186 Kristian Mintoff (*a fol* 751 et. seq.); PS 826 Matthew Parnis (*a fol* 757A et. seq.); Spettur Jonathan Ransley (*a fol* 764 et. seq.); Spettur Lara Butters (*a fol* 774 et. seq.); Spettur Kurt Zahra (*a fol* 776 et. seq.); PC 1269 Louis Tabone (*a fol* 778 et. seq.); PS 157 Brian Mifsud (*a fol* 780 et. seq.); Spettur James Grech (*a fol* 791 et. seq.); PC 736 Martin Buttigieg (*a fol* 800 et. seq.); Joseph Mallia (*a fol* 802 et. seq.); PC 665 Robert Spiteri (*a fol* 804 et. seq.); PC 516 John Pizzuto (*a fol* 806 et. seq.); PC 1111 Bradon Borg (*a fol* 808 et.

seq.); PC 1346 Stephen Cardona (*a fol* 810 et. seq.); PC 1121 Matthew Muscat (*a fol* 812 et. seq.); Spettur Frank Anthony Tabone (*a fol* 818 et. seq.); Spettur Trevor Micallef (*a fol* 820 et. seq.); PC 445 Adrian Paul Bugeja (*a fol* 822 et. seq.); PC 752 Justin Joseph Said (*a fol* 824 et. seq.); Spettur Wayne Camilleri (ex PC 798) (*a fol* 826 et. seq.); PS 366 Frencesco Imbroll (ex PC 366) (*a fol* 828 et. seq.); Joseph Mallia (*a fol* 835 et. seq.); Dr. Martin Bajada (*a fol* 894 et. seq.); PC 207 Thomas Pirotta (*a fol* 979 et. seq.); Spettur Keith Arnaud (*a fol* 985 et. seq.); Dr. Marisa Cassar (*a fol* 987 et. seq.); Isabella Tanti (*a fol* 996 et. seq.); Manuel Piscopo (*a fol* 998 et. seq.); Dr. Martin Bajada (*a fol* 1009 et. seq.); Christine Nemecek (*a fol* 1026 et. seq.); Joseph Pace (*a fol* 1038 et. seq.); Dr. Mark Mifsud Cutajar (*a fol* 1044 et. seq.); PC 149 Jesmond Abela (*a fol* 1068 et. seq.); PC 913 Neil Pace (*a fol* 1069 et. seq.); WPS 217 Alison Formosa (*a fol* 1070 et. seq.); PS 826 Matthew Parnis (*a fol* 1085 et. seq.); WPC 363 Caroline Meilak (*a fol* 1086 et. seq.); Stephen Cachia (*a fol* 1096 et. seq.); PS 90 Jeffrey Gerada (*a fol* 1121 et. seq.); Joyce Schembri (*a fol* 1127 et. seq.); Spettur Jonathan Ransley (*a fol* 1130 et. seq.); Spettur Trevor Micallef (*a fol* 1141 et. seq.); Zoe Nicole Horsewood (*a fol* 1144 et. seq.); Maria Caruana (*a fol* 1166 et. seq.); Probation Officer Deborah Farrugia (*a fol* 1177 et. seq.); Probation Officer Glen Grixti (*a fol* 1206 et. seq.); Probation Officer Charisse Boffa (*a fol* 1225 et. seq.).

**RIJASSUNT TAX-XHIEDA**

**Sheldon Zammit** (Fol. 30) xehed li fis-sitta (6) ta' Jannar elfejn u sittax (2016) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħaxija (9:30 pm), flimkien mal-kollega tiegħu Terry, kien qiegħed fil-ħanut 'Convenience' ta' Triq Samuel. Huwa spjega illi l-ħanut huwa mqassam li malli tidħol issib

passaġġ twil u fuq in-naħa ta' ġewwa hemm bieb li jintuża bħala store biex wieħed jidħol jgħodd il-cash qabel ma jagħlaq il-ħanut. Huwa kompla jispjega li dak il-ħin kienu waslu biex jagħlqu l-ħanut u l-proċedura waqt dan il-ħin tkun li xi ħadd jidħol fuq ġewwa biex jagħlaq il-cash u jingħalaq il-bieb, imbagħad xi ħadd ieħor joqgħod barra sakemm l-ieħor jagħlaq il-cash. Dakinhar il-kollega tax-xhud kienet daħlet fuq ġewwa u x-xhud kien se jibqa barra biex jekk jiġu xi nies jaqdihom. Ix-xhud kien fuq in-naħa ta' wara ma' Terry fl-istore u xħin beda ħiereġ barra lemaħ żewġ persuni mgħammdin; wieħed mal-cash mgħammad b'maskra sewda u ieħor mal-bieb mgħammad b'maskra bajda. Wieħed minnhom b'pistola ixxaqleb lejn is-silver resaq lejn ix-xhud u qallu biex jimxi miegħu u jtih il-flus. Il-Persuna mgħammda kelmet lix-xhud bil-Malti u qaltlu li mhux se jweġġgħuh. Ix-xhud ħareġ il-kexxun tal-cash minn wara l-counter u l-persuni mgħammdin bdew jieħdu l-affarijiet u x-xhud beda jitfagħalhom il-flus ġol-basket tal-plastik li kellu wieħed minnhom. Ix-xhud ma jiftakarx kemm tahom flus. Sadanittant il-persuna l-oħra għalqet il-bieb, biddlet it-tabella minn "Open" għal "Closed" u bdiet tara humiex ġejjin nies. Sadanittant il-kollega tax-xhud kienet qiegħda fuq wara nett fejn il-bieb, in-naħa tal-ħobż għax indunat u ħarġet. Huma kienu qed jaraw li mhux se ċċempel lil ħadd. Ix-xhud ma semax lil persuna ta' mal-bieb titkellem. Wara li x-xhud għadda l-flus, il-persuni telqu minn fuq il-post. Apparti l flus kien hemm cards tal-mobile tal-Go u tal-Vodafone pero x-xhud ma kienx jaf kemm kien hemm eżatt. Ix-xhud ma setax jagħti deskrizzjoni oħra tan-nies mgħammdin.

**<u>Terry Wood</u>** (Fol 35 et seq) xehdet li fis-sitta (6) ta' Jannar elfejn u sittax (2016) għall-ħabta tal-għaxra nieqes għaxra ta' filgħaxija (9:50 pm) fil-

ħanut 'Convenience' ta' Gżira Road, kienet xogħol flimkien mal-kollega tagħha Sheldon. Ix-xhud spjegat li għal ħabta ta' nieqes kwart, xi ħadd minnhom jaqbad il-cash tiegħu u jidħol ġewwa fejn l-office tal-manager jgħodd il-cash biex ikollhom waħda diġa lesta. Dakinhar, ix-xhud kienet lestitha u kienet qed titkellem mal-kollega tagħha. Il-kollega tagħha kien miexi lura għax ra n-nies u semgħatu jgħajjat bħal donnu ħa qatgħa. Ix-xhud ħarġet u rat żewġ persuni mgħammdin; wieħed mal-bieb idawwar it-tabella jaqlibha minn "Open" għal "Closed", u ieħor aktar viċin tal-cash point maġemb il-friża. Dan tal-aħħar kellu arma f'idejh li l-biċċa ta' fuq kienet silver. Ix-xhud tikkalkula li l-arma kien fiha daqs ta' għaxar ċentimetri (10ċm) u kien qed jippuntaha. Dak il-ħin ix-xhud waqfet fejn kienet u bdew jgħidulha biex ma ċċempilx. Hija mxiet aktar 'l quddiem biex turijhom li m'għandhiex mobile f'idejjha. Il-kollega tax-xhud tahom il-flus u telqu. Ix-xhud minn fejn kienet ma setgħetx tara kif il-kollega tagħha għadda l-flus pero mill-bogħod rat li kellhom xi borża sewda qisha tad-drapp. Peress illi l-persuni kienu mgħammdin sewwa kien impossibili biex tagħraf wiċċhom pero tiftakar li dak li kellu l-arma kien twil u tkellem bil-Malti u l-ieħor kien iqsar minnu u dan ma tkellimx. Wara li l-persuni telqu, ix-xhud sakkret il-bieb u ċemplet.

**Joseph Cardona** (Fol. 39 et seq) xehed li fid-dsatax (19) ta' Frar tal-elfejn u sittax (2016) għal ħabta tas-sebgħa nieqes għaxra ta' filgħaxija (6:50 pm), kien wasal biex jagħlaq il-banka tal-lottu tiegħu li tinsab f'Tal-Mensija Road, San Ġwann. F'dak il-ħin ġie wieħed b'maskra sewda tal-karnival fuq wiċċu u b'għajnejh biss jidhru. Huwa kellu pistola f'idu u tefagħlu borża u talbu l-flus. Ix-xhud beda l-ewwel jitfgħalu l-karti pero l-individwu li kien mgħammad insista li jagħtih kollox. Ix-xhud spjega li l-

għall-ewwel ġie fid-dubbju jekk l-arma kinitx vera jew le għax ħasibha xi lighter tal-chrome tas-sigaretti peress li kienu jeżistu bħalhom. Pero xħin ra l-arma sew kienet tidher ikbar u kellu jieqaf. Ix-xhud spjega li l-banka tal-lottu li jieħu ħsieb hu hija kiosk forma ta' kaxxa tal-aluminum, kbira sitt piedi u tinsab fuq il-bankina. Ix-xhud jgħid illi l-persuna mgħammad ġie minn fuqu min-naħa fejn kien ir-Radio 101 u attakkah mit-tieqa ta' quddiem fejn ibiegħ. Ix-xhud jgħid illi bħala persuna kien ħarira itwal minnu għax peress li hemmhekk x-xhud ikun fuq bankina, il-persuna kien mat-tieqa ezatt. Ix-xhud temm jgħid illi itteħidlu l-ammont ta' madwar elf u għoxrin ewro (€1,020).

**<u>Carmel Catania</u>** (Fol. 42 et seq) xehed li fil-ħdax (11) ta' Frar tal-elfejn u sittax (2016) għal xi d-disgħa u nofs ta' filgħaxija (9:30 pm) kien qiegħed jaħdem fil-ħanut bl-isem "Tal-Kantuniera" li jinsab f' 186 Reid Street, kantuniera ma' Rue D'Argens, Gżira. Ix-xhud spjega li l-ħanut ma tantx hu kbir. Il-bank qiegħed eżatt kif tidħol mill-bieb u għandu tlett tarġiet. Kompla jgħid li l-ewwel ma ssib x'ħin tidħol hu l-bank u l-persuna li tkun wara l-bank. Il-ħanut hu armat bis-CCTV. Il-ħanut hu tat-tifla tiegħu Charlene Catania, pero ma kienetx hemm dak il-ħin.

Huwa kien qed iservi n-nies u f'ħin minnhom daħlu tnejn min-nies. L-ewwel wieħed kien wiċċu mgħotti. Kien liebes hoodie u kellu pistola li ippuntaha lejn ix-xhud. Il-pistola kienet silver grey ta' xi ħames (5) pulzieri, single barrel u bħala calibre kienet żgħira. Ix-xhud beda jħares lejn il-pistola biex jara kinetx ta' vera jew le. Eventwalment żdied ieħor mal-ħallelin. It-twil li kellu l-pistola ġibed liż-żgħir u poġġih fuq in-naħa tal-lemin tax-xhud. Dan qallu biex itih il-flus u wara ftit sekondi x-xhud

ħariġlu l-kexxun tal-muniti u beda jipprova jilagħbha u jtih iż-żgħar. It-twil fosthom qal lix-xhud li karti jrid, għalhekk ix-xhud qabad il-flus u tah il-karti. Ix-xhud kompla jgħid illi ż-żgħir kellu borża u daħħal il-coin drawer u bdew jaħtfu l-flus bejniethom. Imbagħad ħareġ it-twil li kien itwal mill-ieħor u telaq jiġri pero ix-xhud ma jafx lejn liema direzzjoni. Kif kien ħiereġ it-tieni wieħed li kien iżgħar, ix-xhud iddeċieda li jissograha u imbuttah ftit u dan tilef ftit il-bilanċ u waqa' qisu erba' (4) metri 'l bogħod fit-triq.

Ix-xhud ipprova jwaddab pakkett tal-ilma six pack tal-Kristal fid-direzzjoni ta' wieħed mill-ħallelin. Pero ma laqtux. Persuna li kien hemm fil-qrib ippruvat tiġri wara wieħed mill-ħallelin. Ix-xhud jiddeskrivi lil dawn iż-żewġ persuni bħala wieħed twil fih madwar 5"10 jew 6", u l-persuna l-oħra kien iżgħar tant illi xħin ix-xhud imbuttah ġie fid-dubbju jekk hux ġuvni jew tfajla għax ħassu ħafif. Dan tal-aħħar skond ix-xhud kien qisu erba' (4) pulzieri iqsar mill-ieħor u ma kienx persuna b'saħħitha. Peress li kienu mgħammdin, ix-xhud seta' jara biss għajnejhom. Hu pprova jara jagħrafx xi ħaġa mill-għajnejn. Li seta' jinduna biss kien li kienu ta' karnaġjon abjad u li kienu Maltin minn kif tkellem it-twil fosthom. Iż-żgħir kemm qabad il-flus u ma qal xejn.

Xi ħames minuti wara ġew xi persuni f'vettura Escort li kienu jafu lix-xhud bħala s-sid tal-ħanut u tawh xi tletin Ewro (€30) li kienu ġabru mill-art x'mkien lejn Rue Argens 'l isfel. Huma qalulu li waqgħu lil dawk li kienu serquh. Kien hemm persuna oħra li joqgħod Savoy Gardens li tinsab fil-kantuniera fuq in-naħa l-oħra tat-triq, u qallu li ra karozza li jaħseb li kienet Fiat mhux mill-antiki. Dan il-persuna ma rax x'kienet il-

licence plate, pero x-xhud informa lil tas-CID b'dan. Huwa ċempel lill-pulizija u lil tad-dar biex jgħidilhom li hu jinsab tajjeb u li kull ma ħadu kienu flus. Il-valur ta' flus li nsterqu wara li x-xhud għamel il-kalkoli kollha u tnaqqsu l-ammonti tal-epos machine kien ta' elfejn u erba' mija (€2,400) u mhux ta' elfejn u tmien mija (€2,800) bħal ma kien qal lill-pulizija fil-bidu.

**<u>Pamela Sant</u>** (Fol. 47 et seq) xehdet li fit-tnejn (2) ta' Marzu tal-elfejn u sittax (2016) kienet qiegħda xogħol fil-ħanut 'Drinks and More' li jinsab fi Vjal ir-Rahan, San Ġwann. Is-sid tal-ħanut jismu Philip Gatt. Ix-xhud kienet wara l-cash li tinsab faċċata tal-bieb meta għal ħabta tad-disgħa u għaxra ta' filgħaxija (9:10 pm) daħlu żewġ persuni mgħottijin bil-balaklava. Ix-xhud qalet li ġew bil-mixi. It-tnejn li huma kienu irqaq wieħed twil daqs ix-xhud u l-ieħor naqra itwal. Hija rat li wieħed minnhom kien armat b'pistola f'idu ta' kulur silver chrome. Wieħed minnhom kellimha bil-Malti u qalilha biex tiftaħ il-cash. Huma ħadu l-flus. Imbagħad wieħed minnhom daħal maġemb ix-xhud biex jieħu s-sigaretti li kellha warajha fuq xkaffa. Huwa ħa tnejn u għoxrin (22) pakket mill-marka Rothmans kemm mill-ħomor kif ukoll mill-blu u beda jpoġġijhom f'basket li kien qiegħed għandu. Il-persuna l-oħra żammet il-basket f'idejha u l-ieħor beda jitfa l-flus u s-sigaretti ġol-basket. Ix-xhud ikkalulat li l-ammont ta' flus li kien hemm kien ta' elf erba' mija u ħamsin (€1,450). Huma telqu b'karozza ta' kulur skur u telqet lejn id-direzzjoni tal-Main Road. Ix-xhud għarfet li l-karozza kien Fiat Punto mid-dawl ta' quddiem. Wara li telqu ix-xhud ċemplet lill-imgħallem u ġew il-pulizija.

**Jurgen Slow** (Fol. 52 et seq) xehed li fit-tmienja (8) ta' Marzu tal-elfejn u sittax (2016), għal ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħaxija (9:30 pm), ix-xhud kien xogħol fil-ħanut 'Convenience' li jinsab fi Triq l-Isqof Caruana, l-Imsida. Dakinhar ix-xhud kien xogħol mal-kollega tiegħu Miguel Vella li dak il-ħin kien qiegħed ipejjep sigarett fuq l-għatba ta' bieb ħdejn il-ħanut u ix-xhud kien fil-ħanut waħdu. Fuq barra kien hemm ukoll Brandon, kollega tax-xhud u Miguel li jaħdem f'ħanut ieħor u li kien spicca xogħol qabilhom.  Ix-xhud mar in-naħa ta' ġewwa tal-ħanut ġol-uffiċju biex jqabbad diska u xħin ħareġ minn hemm sab lil xi ħadd ma' wiċċu li kien naqra itwal minnu fit-tul. Dan il-persuna kien mgħammad b'maskra sewda tal-karnival u kien liebes qalziet tat-tracksuit b'lazz aħdar highlighter. Ix-xhud ma jiftakarx x'kulur kien il-flok tal-persuna. Il-persuna kien qed jipponta pistola lejn ix-xhud u bil-Malti qallu "Tini kollox! Tini kollox!". Il-pistola kienet żgħira pero ix-xhud ma kienx cert kinitx griża jew kulur id-deheb. Dan il-persuna tah barżakka ħadra u qallu biex itih il-flus kollha. Sadanittant, ix-xhud beda miexi għal wara l-cash u l-persuna l-oħra baqgħet fuq in-naħa ta' barra, barra mill-cash. Ix-xhud tefagħlhu l-flus minn ġoż-żewġ cashes ġol-barżakka li tah. Ix-xhud jaħseb li kien hemm madwar disa' mitt ewro (€900) fil-cash tiegħu u madwar seba' mitt ewro (€700) fil-cash tal-kollega tiegħu, pero ma kienx cert. Apparti l-flus, fil-cash kien hemm il-boroz tal-cards tal-mobiles. Kull borża ikun fiha tlett mitt card u kull cash point ikollha borża waħda, għalhekk il-persuna ħa sitt mitt card.

Ix-xhud induna li apparti l-persuna mgħammda li kien hemm miegħu fil-ħanut, kien hemm ieħor barra fil-karozza. Il-karozza kienet Fiat Punto ta' kulur skur pero kien id-dlam u ma setax jara l-kulur x'kien eżatt. Il-

karozza kellha l-fanali ta' wara tal-ponta qishom dawk tax-xewka. Ix-xhud qal li faċċata tal-bieb tal-ħanut hemm ħafna garaxxijiet li tidħol għalihom minn fetħa, u l-karozza kienet ipparkjata hemm ġew b'wiċċha 'l barra lejn il-ħanut. Ix-xhud seta' jara dan għaliex wara li l-persuna ħareġ mill-ħanut, ix-xhud baqa' jsegwih ħa jara fejn se jmur. Infatti, ix-xhud prova joħroġ ftit fil-bieb biex jieħu n-number plate pero l-persuna baqa' bl-arma 'l barra minn ġot-tieqa ippuntata u għalhekk ix-xhud ma ssuggrax u reġa' daħal 'l ġewwa. Wara, ix-xhud flimkien mal-kollegi tiegħu ċemplu lil pulizija u l-ewwel ħaġa li qalulhom kienet id-direzzjoni li telqet il-karozza u mbagħad ċemplu lill-managers biex jinfurmawhom x'ġara.

**<u>Miguel Vella</u>** (Fol. 57 et seq) xehed li fit-tmienja (8) ta' Marzu tal-elfejn u sittax (2016), għal ħabta tad-disgħa neqsin għoxrin ta' filgħaxija (8:40 pm), ix-xhud kien barra mill-ħanut 'Convenience' fejn hu stess jaħdem. Dan il-ħanut jinsab fi Triq l-Isqof Caruana, l-Imsida. Hu kien qiegħed ma' sieħbu Brandon li kien spiċċa mix-xogħol u għadda fejn ix-xhud biex ipejjpu sigarett. Waqt li kien qiegħed bilqiegħda fuq l-għatba ta' maġenb il-ħanut, ġie wieħed mid-direzzjoni tal-main road jipponta pistola lejn ix-xhud u sieħbu u bil-Malti qalilhom biex ma jiċċaqalqux għax jisparalhom. Dan il-persuna kien mgħammed b'maskra, il-ħwejjeġ kienu suwed u kellu xi ħaġa ħadra, u kien ħarira itwal mix-xhud. Huma baqgħu barra sakemm il-persuna mgħammda daħlet fil-ħanut fejn damet madwar ħames (5) minuti. X'ħin dan ħareġ reġa pponta l-pistola lejn ix-xhud u sieħbu u daħal fil-karozza li kienet tinsab ġo entratura ta' garaxx. Ix-xhud qal li l-karozza raha biss wara s-serqa. Il-karozza kienet żgħira u kellha kulur

skur. Hu daħal fin-naħa tal-passiġġier u kien hemm persuna oħra li saqet il-karozza.

**Brandon Cardona** (Fol. 61 et seq) spjega illi hu jaħdem fil-ħanut 'Convenience' tal-Gżira Three. Fit-tmienja (8) ta' Marzu tal-elfejn u sittax (2016) għal ħabta tad-disgħa ta' filghaxija (9:00 pm) kien spiċċa mix-xogħol u baqa sejjer ħdejn sħabu Miguel u Jurgen li jaħdmu fil-ħanut l-ieħor li jinsab l-Imsida. Ix-xhud qal li Miguel ħareġ ħames (5) minuti break biex ipejjep sigarett miegħu u poġġew bilqiegħda fuq għatba ħdejn il-ħanut, madwar sebgħa passi 'l bogħod mill-ħanut. Ix-xhud qal li ra persuna twila mgħammda ġejja minn karozza li kien hemm fid-daħla li kien hemm faċċata tal-ħanut. Ix-xhud qal li ma tax każ x'kienet liebsa l-persuna pero kellha xi ħaġa ħadra skura. Din il-persuna ppuntat pistola ma wiċċhom u qaltilhom biex ma jiċċaqalqux għax tisparalhom. F'dak il-waqt ikkargat il-pistola u daħlet fil-ħanut. Il-pistola kienet silver tleqq. Waqt li x-xhud u sieħbu baqgħu bilqiegħda barra ixxukjati, ix-xhud sema' lil persuna tgħid "Kollox, kollox". Il-persuna damet inqas minn ħames minuti fil-ħanut. Xħin ħareġ daħal fuq wara fil-karozza li kienet fil-garage li hemm faċċata tal-ħanut u telaq fid-direzzjoni tal-Gżira. Il-karozza kienet Fiat Punto ta' kulur skur, bil-fanali ta' wara ġejjin għal ponta.

**PC 837 Daniel Zammit** (Fol. 66 et seq) spjega li fis-sittax (16) ta' Marzu tal-elfejn u sittax (2016) kien xogħol xift ta' bil-lejl ma PC 913 Neil Pace. Ix-xift beda mis-sebgħa ta' filgħaxija (7:00 pm) u kien jispicca fit-tmienja ta' filgħodu (8:00 am) u kien fuq l-area ta' Tas-Sliema, l-Imsida, San Ġiljan u l-madwar. Dakinhar ix-xhud kien qed isuq il-karozza tal-RIU u flimkien mal-kollega tiegħu kienu qed iduru fl-akkwati tal-Imsida u tas-Sliema.

Dan fuq instruzzjonijiet tas-CID. Peress li f'dawk l-inħawi hemm ammont sostanzjali ta' ħwienet tal-convenience u peress li kienu qed isiru dawn il-hold ups speċjalment fuq convenience shops, kienu talbuhom biex iżommu għanejhom miftuħin. Huma ġew infurmati illi l-aktar li kienu qed jiġu attakkati l-ħwienet tal-convenience kien meta jkun hemm xi attivitajiet relatati mal-futbol. Tas-CID qalulhom ukoll biex jfittxu Fiat Punto mark two ta' lewn skur, b'fanali ta' wara li setgħu kienu għax-xewka. Għal ħabta tat-tmienja u kwart ta' filgħaxija (8:15 pm), ix-xhud u il-kollega tiegħu kienu għaddejjin minn Triq Victor Denaro l-Imsida u kienu qed jiġbdu lejn il-convenience shop li jinsab fi Triq l-Isqof Caruana fl-Imsida stess. Kif ix-xhud u l-kollega tiegħu ġew f'salib it-toroq innutaw vettura ġejja faċċata fid-direzzjoni kontra tagħhom li bdiet tpetpet il-bright. Din il-manuvra m'għoġbithomx lix-xhud u lill-kollega tiegħu. Huma kisru għal Triq l-Isqof Caruana peress li hemm ħanut tal-convenience u kienu se jiċċekkjawh. Kif ix-xhud kien ħa jinżel it-triq, il-karozza li kienet petptet il-bright qabżithom u baqgħet sejra dritta minn naħa ta' fejn kienu ġew ix-xhud u l-kollega tiegħu. Kien f'dak il-mument li ndunaw li kienet Fiat Punto mark two ta' kulur skur u għalhekk ġibditilhom l-attenzjoni. Ix-xhud irriversja mill-ewwel biex jmur wara l-Fiat Punto. Sadanittant, il-kollega tiegħu laħaq iċċekja il-pjanċa mal-mezzi tal-pulizija tal-control room. Il-pjanċa kienet CBO-074 u ma rriżultatx li kienet ta' Fiat Punto mark two imma ta Mitsubishi Carisma. Huma kienu infurmati mill-control room li l-liċenzja u l-insurance ta' dik il-pjanċa kienu tajbin. Waqt li tal-control room reġgħet iċċekjat u ikkonfermat li dik il-pjanċa kienet ta' Mitsubishi Carisma, ix-xhud kien laħaq dawwar.

Tal-karozza Fiat Punto ipparkjaw fejn l-iskola fi Triq Victor Denaro u ħarġu minnha żewġ persuni maskili li mxew ftit passi 'l bogħod mill-karozza, u qasmu kanutniera mat-triq oħra ċioe lejn id-direzzjoni ta' fejn oriġinarjament iltaqgħu max-xhud. Ix-xhud u l-kollega tiegħu niżlu jkellmuhom pero baqgħu bla spjegazzjoni għala il-pjanċa li kellhom kienet qiegħda irreġistrata fuq vettura oħra. Ix-xhud ġol-awla għaraf liż-żgħażagħ Kane Grima u Perrie Sciberras bħala l-istess persuni li kienu fil-karozza Fiat Punto dakinhar.

Il-kollega tax-xhud beda jkellimhom u jispjegalhom li kienu waqfuhom għax il-pjanċa ma kienetx tgħajjat lil Fiat Punto imma lil Mitsubishi Carisma. Sadanittant ix-xhud għajjat lil pulizija oħra biex jiġu u min-naħa tas-CID ġie infrumat l-Ispettur Fleri li aktar tard mar fuq il-post. Sakemm kienu qed ikellmu liż-żewġ żgħażagħ, ix-xhud reġa mar lejn il-karozza li kienet ftit passi 'l bogħod u nnutaw li l-karozza kellha żewġ pjanċi fuq xulxin. L-Ispettur Fleri tahom caution u infurmawhom li se jiġu arrestati. Iż-żewġ żgħażagħ ma taw l-ebda spjegazzjoni għala kellhom żewġ pjanċi fuq xulxin.

Ix-xhud qal li t-tfittxija tal-karozza u ta' fuq iż-żgħażagħ la saret minnu u lanqas mill-kollega tiegħu PC 913. Ix-xhud ma kienx ċert x'instab waqt it-tfittxija pero jaħseb li nstabu sigaretti u sustanza relatata mad-droga kemm fuq xi persuna minnhom kif ukoll fil-karozza.

Ix-xhud waqt li kien qed jara r-ritratti ppreżentati bħala dokumenti JG1 sa JG7 spjega li ritratt minnhom kien fih il-pjanċa oriġinali tal-Fiat Punto li kienet CBO-074. Fir-ritratt esebit bħala dokument JG5, ix-xhud spjega

x'kellha differenti l-Fiat Punto mark two ta' lewn skur mill-Fiat Punto l-oħrajn tas-snin ta' qabel. Skont ix-xhieda li taw il-vittmi, il-Fiat Punto taż-żagħżagħ kellha l-fanali ta' wara kienu għax-xewka u li x'aktarx kienet b'erba' bibien. Il-fanali tax-xewka huma uniċi għax huma l-unika Fiat Punto li ħarġu hekk.

**<u>In kontro-ezami</u>** ix-xhud qal li fejn oriġinarjament waqqfu lis-suspettati biex ikellmuhom ma sabu xejn pero xi tlett metri 'l bogħod minn fejn kienu instabet arma tan-nar. Ix-xhud ma kienx jaf minn min mill-kollegi tiegħu sab l-arma għaliex dak il-ħin hu kien fejn il-karozza u fejn iż-żewġ persuni li waqqfu.  Pero xi ħadd avżah li nstabet arma u hu mar jaraha. Ix-xhud qal li ra l-arma mal-art li hu l-post oriġinali ta' fejn instabet. L-arma kienet żgħira ta' lewn chrome. Wara li nstabet l-arma reġgħet saret tffitxija oħra xi tlett karozzi 'l bogħod u instabu basket bil-balaklava eżatt taħt il-karozza. Ġol-balaklava instabu imgeżwrin par ingwanti. Għalkemm mhux hu sab l-arma u l-balaklava, xorta rahom fuq il-post.

**<u>PC 913 Neil Pace</u>** (Fol. 77 et seq) xehed li fis-sittax (16) ta' Marzu tal-elfejn u sittax (2016) kien xift ta' bil-lejl ma' PC 837 fuq in-naħat tal-Imsida, Sliema, u Gżira. Ix-xift ta bil-lejl kien jibda mis-sebgħa ta' filgħaxija (7:00 pm) sat-tmienja ta' filgħodu (8:00 am). Ix-xhud qal li kellhom struzzjonijiet biex ifittxu Fiat Punto ta' kulur skur, bil-fanali twal bix-xewka li kienet qed iddur fin-naħat tal-Gżira u l-Imsida. Pero, ix-xhud u l-kollega tiegħu kienu qed jaraw kwalunkwe karozza li ġġibilhom suspett viċin ħwienet tal-convenience Huma kienu avżati li x'aktarx il-karozza kienet armata.

Waqt li kienu għaddejjin minn Triq Victor Denaro fl-Imsida, ix-xhud u l-kollega tiegħu ġew wiċċ imb' wiċċ ma' karozza Fiat Punto mark two li kienet qed tinstaq fid-direzzjoni opposta tagħhom. Kif waslu f'salib it-toroq il-karozza Fiat Punto ċediet lill-vettura tax-xhud biex jgħaddu 'l isfel għal Triq Isqof Caruana. Hekk kif ix-xhud u l-kollega tiegħu għaddew il-Fiat Punto, huma ħarsu lura u indunaw li kienet it-tip ta' karozza li kienu qed ifittxu. It-teptip tad-dawl qajmilhom suspett u għalhekk il-kollega tax-xhud irriversja lura u ġew għal warajha. Sadanittant, huma iċċekjaw il-pjanċa tal-karozza mal-control room tal-pulizija. Il-pjanċa li kellha fuqha il-Fiat Punto kienet CBO-074 pero ma qablitx għaliex tal-control room qalet lix-xhud li l-pjanċa tgħajjat lil karozza ta' għamla Mitsubishi. Ix-xhud reġa saqsa lil tal-control room biex jikkonfermawlu peress li l-vettura li kellu quddiemu kienet Fiat. Il-kollega tax-xhud li kien qed isuq laħaq dawwar u tal-control room ikkonfermatilhom li l-pjanċa CBO-074 tgħajjat lil vettura Mitsubishi.

Sadanittant il-karozza qabżithom u waqfet u minnha ħarġu żewġ persuni li laħqu mxew ftit metri 'l fuq mill-karozza tagħhom. Il-karozza kienet ipparkjata fin-naħa ta' fuq ta' Triq Denaro. Ix-xhud u l-kollega waqqfuhom hemmhekk u ġibduhom lejn il-karozza Fiat u qalulhom li ġew imwaqqfa peress li l-pjanċa ma qablitx mal-karozza. Dak il-ħin ix-xhud induna li kien hemm żewġ pjanċi imwaħħlin fuq xulxin. Huma qalu liż-żgħażagħ li jinsabu taħt arrest. Talbu għall-aktar assistenza tal-Pulizija u infatti wara ftit minuti wasal l-ispettur tas-CID. Xi ħin wara infurmaw lix-xhud li kienet instabet arma ftit metri 'l isfel mill-karozza fejn iż-żgħażagħ kienu ipparkjaw. L-arma instabet fil-post fejn ix-xhud kien iltaqa' l-ewwel darba mal-karozza tas-suspettati u dawn kienu

cedewlhom biex ix-xhud u l-kollega tiegħu jinżlu aktar 'l isfel. L-arma nstabet bejn żewġ karozzi ipparkjati eżatt fix-xifer tal-bankina. Ix-xhud jispjega li l-arma kienet żgħira ta' kulur silver chrome.

Is-Sur fleri qal lix-xhud li x'aktarx is-suspettati kellhom balaklava fil-pussess tagħhom u għalhekk flimkien mal-pulizija tas-CID għamlu tfittxija. Xi żewġ karozzi 'l isfel minn fejn kienet ipparkjata l-karozza, ix-xhud sab basket iswed b'balaklava u kien hemm l-ingwanti ġo fiha. Ix-xhud ma mess xejn milli sab u kull ma għamel hu ġibed l-attenzjoni li kien hemm xi ħaġa.

Ix-xhud għaraf li ż-żewġ persuni li kienu twaqqfu dakinhar kienu l-istess żewġ persuni li jinsabu fl-awla preċiżament Perrie Sciberras u Kane Grima.

Ix-xhud ġie muri ritratti esebiti bħala dokument JG1 sa JG7 u spjega li f'ritratt minnhom kienet tidher il-karozza li kienu waqfu bi pjanċi differenti għax xħin waqqfuha kellha l-pjanċa CBO 074. Taħt din il-pjanca kien hemm il-pjanċa HBE 939. Fuq ir-ritratt JG5 ix-xhud qal li jidhru il-fanali eżatt kif ġew spjegati.

**<u>PS 463 Christopher Ellul</u>** (Fol. 126 et seq) xehed li huwa kien involut fl-investigazzjoni dwar żewġ każi ta' serq. Wieħed minnhom seħħ fit-tmienja (8) ta' Marzu tal-elfejn u sittax (2016) ġewwa l-Convenience Store li jinsab fi Triq l-Isqof Caruana, l-Imsida. Hu kien l-ewwel pulizija li mar fuq il-post. Il-każ l-ieħor kien fis-sittax (16) ta' Marzu tal-elfejn u sittax (2016) għall-ħabta tat-tmienja u għoxrin (8:20) fejn kollegi tax-xhud tal-

Rapid Intervention Unit (RIU) kienu waqqfu karozza Fiat Punto li rriżulta li l-pjanċi li kellha ma kinux tagħha. Ix-xhud qal li wara l-ewwel każ tat-tmienja (8) ta' Marzu, il-pulizija kienu qed iżommu taħt osservazzjoni l-karozzi Fiat Punto tal-lewn blue peress illi karozza ta' dan il-lewn u dan il-mudell kienet involuta fis-serqa ta' tmienja (8) ta' Marzu. Ix-xhud qal li fis-sittax (16) ta' Marzu tal-elfejn u sittax (2016) tar-RIU infurmawh li kienu waqqfu karozza fi Triq Victor Denaro u li wara li waqqfuha irriżulta li kellha sett pjanċi mwaħħlin fuq il-pjanċi originali. F'din il-karozza kienu nstabu żewġ (2) persuni li x-xhud identifikahom fl-awla bħala Perrie Sciberras u Kane Grima.

Ix-xhud kompla jgħid li dakinhar tas-sittax (16) ta' Marzu l-kollega tax-xhud PC 149 Jesmond Abela kien ġibidlu l-attenzjoni li tul ta' triq 'l bogħod minn fejn kienet wieqfa l-karozza instabet arma tan-nar mal-art. Wara ftit ħin, ftit aktar 'l bogħod mill-arma, fil-kantuniera tal-istess triq, il-membri tas-CID skoprew ukoll borża li kien fiha balaklava. Ix-xhud u l-kollegi tiegħu ndunaw illi l-arma bħala deskrizzjoni kienet taqbel mad-deskrizzjoni mogħtija lilhom mill-persuna li kienet xogħol fil-ħanut tal-convenience fl-ewwel serqa tat-tmienja (8) ta' Marzu. Fid-deskrizzjoni li kienu taw lix-xhud fit-tmienja (8) ta' Marzu, l-arma kienet partikolarment żgħira u kienet ta' lewn silver ileqq. Dawn kienu l-istess karatteristiċi li seta' jinnota ix-xhud xħin l-arma instabet mal-art.

Għar-rigward is-serqa tat-tmienja (8) ta' Marzu li saret ġewwa Triq l-Isqof Caruana l-Imsida, mill-filmati tas-CCTV u mill-verżjoni tax-xhieda li kienu fuq il-post kienu nstabu żewġ loqom tas-sigaretti fil-garage ta' fejn kienet irriversjat il-karozza. Milli qalulu l-membri tad-dipartiment tal-

forensika, dawn kienu nofshom impejjpin u mill-angolu li kienu impoġġijin kien jindika li disgħa u disgħin fil-mija kien hemm persuna ipejjep fuq quddiem u oħra warajh. F'dik is-serqa tat-tmienja (8) ta' Marzu, ix-xhud kellem tlett (3) xhieda li kienu fuq il-post dak il-ħin tas-serqa. Tnejn (2) minn dawn kienu ħaddiema fil-ħanut u l-ieħor kien ħabib tagħhom. Iż-żewġ (2) persuni li kienu qiegħdin fuq barra qalu li raw Fiat Punto nieżla minn Triq l-Isqof Caruana, irriversjat f'garage li jinsab eżatt faċċata tal-ħanut. Il-karozza għamlet madwar ħames (5) minuti wieqfa u kien f'dak il-ħin li ħarġet persuna u avviċinat liż-żewġ xhieda li kienu fuq barra, ipponta arma fid-direzzjoni tagħhom u wissihom li jekk jiċċaqalqu, hu kien lest li jispara. Il-persuna imbagħad daħal ġewwa fil-ħanut. It-tielet persuna li kellem ix-xhud kien dak li kien qed xogħol fil-ħanut.

Rigward it-tieni każ li seta' kien attentat, ix-xhud ma kellem lil ħadd li kien fuq il-post dak il-ħin. Hu kellem biss lill-kollegi tiegħu tar-RIU. Il-verżjoni tagħhom ġiet mniżżla fir-rapport li ġie esebit minnu.

**<u>In kontro-eżami</u>** ix-xhud spjega li fir-rigward tas-serqa tat-tmienja (8) ta' Marzu li kienet seħħet għal ħabta tad-disgħa u nofs ta filgħaxija (9:30 pm), ix-xhud wasal fuq il-post għal ħabta tal-għaxra neqsin kwart ta' filgħaxija (9:45 pm). Ix-xhud stqarr illi ma waslux qabel fuq il-post għaliex min tahom l-informazzjoni ma speċifikax liema triq u marru fuq post ieħor biż-żball qabel ma waslu fuq il-post propja. Huwa qal li l-membri tal-forensika waslu bejn għoxrin u nofsiegħa wara x-xhud u huma kienu li sabu l-loqom tas-sigaretti. Huma ppreservaw ix-xena sakemm ħelsu l-membri tal-forensika. Il-loqom tas-sigaretti instabu wara xulxin u mhux maġenb xulxin. Il-garage ta' fejn instabu dawn il-loqom tas-sigaretti huwa

kbir għax jibqa' nieżel 'l isfel u jinfed ma garaxxijiet oħra pero il-persuni tal-karozza Fiat Punto baqgħu fid-drive way tiegħu. Fil-filmati tas-CCTV juru li wara l-karozza Fiat Punto ma daħlet l-ebda vettura oħra li setgħet laqtet il-loqom tas-sigaretti.

Ix-xhud kien diġa fuq il-post meta nstabet il-pistola pero din instabet mill-kollega tax-xhud li imbagħad indikahielu. Il-pistola instabet fi Triq Victor Denaro li hija triq partikolarment twila. Ix-xhud qal li l-pistola nstabet probabbilment daqs tul ta' triq normali forsi ħarira aktar bogħod minn fejn waqfet il-karozza. Il-pistola kienet qiegħda fuq l-asfalt fit-triq pero ma jafx kemm kienet ilha hemm. Peress illi x-xhud ma kienx wieħed mill-uffiċjali li kien l-ewwel fuq il-post ma ra lil ħadd jarmi l-pistola.

**L-Ispettur Jonathan Ransley** (Fol. 149 et seq) spjega illi fil-ħdax (11) ta' Frar tal-elfejn u sittax (2016) għall-ħabta tal-għaxra nieqes għoxrin ta' filgħaxija (9:40 pm) ġie infurmat li seħħ holdup ġewwa il-ħanut Kantuniera Convenience Store li jinsab f'Rue D'Argens kantuniera ma' Reid street. Ix-xhud niżel fuq il-post flimkien man-nies tad-distrett u kellem lill-vittma li kien ċertu Carmel Catania. Dan spjega li kien hemm żewġ persuni maskili li daħlu fil-ħanut tiegħu. Ix-xhud ra l-filmati tal-post fejn irriżulta li l-persuna t-twila kellu arma tan-nar żgħira f'idejh u li kien liebes hoodie skur u fuq idu x-xellugija kellu arma tal-bandiera Amerikana. Il-pulizija kellhom l-informazzjoni li wieħed mill-ħallelin rikeb ġo Fiat Punto blu li kienet ipparkjata Lower Saint Albert, il-Gżira. L-ammont misruq kien ta' elfejn tmien mija tmienja u sittin ewro (2,868). Dwar il-kaz infetħet inkjesta bil-Maġistrat.

Fit-tmienja (8) ta' Marzu elfejn u sittax għal ħabta tal-għaxra neqsin kwart ta' filgħaxija (9:45 pm) x-xhud kien reġa ġie infurmat li kien seħħ holdup ieħor ġewwa ħanut tal-convenience fi Triq l-Isqof Caruana, l-Imsida. Ix-xhud niżel fuq il-post flimkien man-nies tiegħu tad-distrett. Huma kellmu lil ċertu Miguel Vella li kien bilqiegħda fuq it-taraġ tal-istess ħanut flimkien mal-ħabib tiegħu Brandon Cardona. Dawn spjegaw li kienu raw karozza Fiat Punto ta' kulur blu skur. Huma żiedu jgħidu li l-karozza kellha l-fanali dritti u l-kulur tagħha kien deher matt u qalu wkoll li l-persuna li daħlet fil-ħanut kellha wiċċha mgħotti u kellha f'idejha arma tan-nar żgħira silver tleqq. Mill-filmati tas-CCTV tal-post ġie stabbilit illi din il-Fiat Punto kienet ipparkjata wiċċha 'l barra faċċata tal-ħanut tal-Convenience eżatti fid-driveway ta' sett ta' garaxxijiet bin-numru disgħa u erbgħin (49). Infatti x-xhud jgħid illi l-pulizija tal-forensika, ġew indikati dan il-post fejn hemmhekk instabu żewġ sigaretti nofshom impejpa li kienu qiegħdin wara xulxin fuq in-naħa tax-xufier. Mill-filmati ġie stabbilit ukoll illi l-ewwel darba li dehret il-karozza fuq il-ħin tal-filmat kien qed jimmarka l-għaxra u dsatax -il minuta (22:19hrs), real time kien d-disgħa u nofs ta' filgħaxija (9:30 pm) u l-aħħar li raw il-karozza kien l-għaxra u tlieta u għoxrin minuta (22.23hrs) u real time kien id-disgħa u nofs u erba' minuti ta' filgħaxija (9:34 pm). Ix-xhud qal li ġie stabbilit li l-persuna li daħlet fil-ħanut kienet liebsa hoodie skur u kellu l-bandiera Amerikana fuq idu x-xellugija, l-istess arma li kellu fil-hold up tal-ħdax (11) ta' Frar. L-ammont misruq kien dak ta' sitt mitt ewro (€600) f'top up cards li kienu tal-Vodafone, Melita u Go, u elf disa' mija tlieta u erbgħin ewro (€1,943) fi flus kontanti. Ix-xhud qal li b'dan ġie infurmat il-Maġistrat tal-għassa Dr Neville Camilleri li ordna l-ftuħ ta' inkjesta fuq il-kaz.

Ix-xhud qal li fis-sittax (16) ta' Marzu tal-elfejn u sittax (2016) kien infurmat mill-Ispettur Patters li xi pulizija tal-RIU kienu sabu karozza skura Fiat Punto li kellha n-numru CBO 074. Huwa ġie mgħarraf illi meta iċċekjaw dawn il-pjanċi rriżultaw li kienu jappartjenu lill-vettura ta' għamla Mitsubishi. Infatti, il-pulizija tal-RIU ipproċedew għall-arrest taż-żewġ okkupanti li kien hemm fil-karozza. Dawn ġew identifikati bħala Kane Grima u Perrie Sciberras.

Ix-xhud sostna li minn ġol-karozza intremew żewġ balaklavi u arma tan-nar żgħira ta' kulur chrome. Ix-xhud minn hemmhekk baqa' sejjer l-uffiċju tal-Ispettur Carlos Cordina li jinsab is-CID fejn Perrie Sciberras qal li ried jitkellem max-xhud u mas-Sur Carlos Cordina. Hemmhekk Perrie Sciberras stqarr li t-tielet persuna involuta f'din is-sensiela ta' holdups kien ċertu Josef Galea magħruf bħala s-sufu. L-Ispettur għaraf lil Perrie Sciberras bħala wieħed mill-imputati fl-awla. Ix-xhud qal li Sciberras qallu li kien involut f'żewġ holdups waħda mill-ħanut Drink and More ta' San Ġwann u l-Convenience Store ta' Triq l-Isqof Caruana, l-Imsida. Hu qal li l-holdup ta' Drink and More kien sar mit-tlieta li huma cioe minn Kane, Josef u Pierre. Il-holdup tal-Convenience ta' Triq l-Isqof Caruana kienu għamluh Pierre u Kane. Il-holdups tal-Kantuniera Convenience Store li jinsab il-Gżira u l-Conveniece shop li jinsab maġemb il-KFC, il-Gżira għamluh Kane u Josef Galea. Sciberras qal lix-xhud li l-idea tal-holdups kienet l-idea ta' Kane u Josef u l-arma tan-nar kienet tappartjeni lil Kane. Sciberras qal lix-xhud li hu kien ix-xufier u meta l-vetturi kien ikollhom pjanċi foloz, kienu jkunu jsuqu Kane u Josef. Huwa qallu ukoll li dawn il-holdups saru għall-flus u stqarr li sehmu mill-flus ta' dawn il-holdups qatt ma ħadu. Huwa qal lix-xhud ukoll li qabel il-holdups kienu

jagħmulhom Kane u Josef b'mutur iswed 125 imbagħad avviċinaw lil Sciberras peress li kellu karozza.

Għalkemm Perrie Sciberras qatt ma ħa flus, hu qal lix-xhud li baqa' jgħinhom għax kien jibża minnhom peress li għandu xi kundizzjonijiet u kien jibża li jagħmlulu xi vendikazzjoni. Infatti Sciberras biss kellu aċċess għall-karozza u ħadd ma kellu aċċess għall-ispare keys. Ix-xhud qal li Sciberras kien spjegalu naqra fatti fuq kull serqa fejn fuq il-holdup tal-ħanut tal-Kantuniera fil-Gżira qal li Kane kien qallu biex imur jiġbru u li ried il-karozza biex imur jiġbor lit-tfajla tiegħu. Sciberras qal lix-xhud li Kane u Josef qalulu li l-holdup kien għamluh huma u fil-fatt hu ħażżeż mappa fuq envelope li provdielu x-xhud biex juri kemm joqgħod 'l bogħod Josef mill-ħanut Kantuniera Convenience Store. Josef u Kane qalu lil Sciberras li kienu għamlu dan il-holdup permezz ta' arma tan-nar.

Rigward is-serqa tal-ħanut Drink and More li jinsab San Ġwann Sciberras qal lix-xhud li Kane kellu arma tan-nar, li Josef ħa l-flus u li hu (Sciberras) kien ix-xufier.

Rigward is-serqa tal-banka tal-lottu ta' San Ġwann li saret qabel is-serqa tal-Kantuniera Convenience Store, Sciberras qal li kien hu li saq. Hu kien mar fl-akkwati ftit żmien qabel flimkien ma Kane u Josef u dawn qalulu li dik kienet il-banka tal-lottu li kienu qed jimmiraw biex jisirqu. Huma kienu marru fuq il-post biex jaraw din il-banka tal-lottu li kien bi ħsiebhom jisirqu. Sciberras ftakar f'dik it-triq għax f'dak iż-żmien kienu qed isiru xi xogħolijiet u seta' jindika liema triq kienet.

Rigward l-attentat ta' holdup tas-sittax (16) ta' Marzu, Sciberras qal lix-xhud li hu kien il-persuna li rema l-arma tan-nar barra mill-karozza wara li Kane kien tefagħha f'ħoġru u qallu biex jeħles minnha. Dakinhar Josef magħruf bħala s-sufu ma kienx magħhom u kienu Sciberras u Kane biss.

In segwitu għad-dikjarazzjonijiet ta' Sciberras, il-Pulizija ipprocediet bl-arrest ta' Josef Galea. Ix-xhud kompla jgħid li saru diversi searches fejn ġew elevati diversi affarijiet fosthom ħwejjeġ. Dawn il-ħwejjeġ inġabu mis-CID u ntwerew lil Perrie u dan ikkonferma par żarbun tad-ditta Adidas ta' kulur abjad u għaraf qalziet tat-tracksuit iswed bil-kelma Givova miktuba bil-highlighter aħdar embroidered fuqu. Perrie sostna mal-Pulizija li dan kien jilbsu Kane waqt il-holdups. Infatti x-xhud qal li meta Kane ġie arrestat kien liebes dan l-istess qalziet. Perrie għaraf il-hoodie blue bl-embroidery NYC u New York City fuqha u għaraf ukoll ġakketta sewda. Ix-xhud qal li Perrie rrilaxxa l-isqarrija tiegħu fit-tmintax (18) ta' Marzu elfejn u sittax (2016) fejn reġa' qal l-istess dettalji u kien hawnhekk fejn qal li pparteċipa f'dawn il-holdups għax kien jibża minn Kane u minn Josef peress li kienu jafu fejn joqgħod.

Ix-xhud qal li ġew interrogati ukoll Kane u Josef fejn Kane ċaħad l-allegazzjonijiet kontra tiegħu u qal li l-arma kienet ta' Perrie u li qatt ma kien raha. Infatti Kane qal li l-ewwel darba li raha kien meta Perrie mar għalih fis-sittax (16) ta' Marzu elfejn u sittax (2016) fejn l-arma kienet fil-cupholder tal-istess karozza. Kane qal lix-xhud li qatt ma mar fl-akkwati ta' San Ġwann jew fl-akwati tal-Imsida Circus fejn sar il-holdup ta' Triq l-Isqof Caruana. Kane qal ukoll li hawn ħafna nies li jilbsu l-istess qalziet tal-Givova u l-istess par ta' żarbun tal-Adidas abjad bħal tiegħu. Ix-xhud

qal li Josef iddeċieda li ma jirrispondix għad-domandi li għamlulu u bħal Kane ċaħad li kien involut f'dawn is-serqiet. Temm jgħid li t-tlett suspettati kienu ġew assistiti mil-legali tal-fiducja tagħhom.

Fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2019, l-Ispettur Ransley esebixxa żewġ rapporti li saru minn Joyce Schembri u Zoe Nicole Horsewood dwar serq ta' number plates.

**<u>Dr Stephanie Abela</u>** (Fol. 165) ipprezentat traduzzjoni għall-Malti tal-istqarrija bl-Ingliz mogħtija minn Perrie Daniel Amrani Sciberras.

**<u>PS 90 Jeffrey Gerada</u>** (Fol. 173 et seq) beda biex qal li huwa kien assista lill-Ispettur Carlos Cordina fl-investigazzjonijiet li saru in konnessjoni ma' diversi holdups li kienu seħħew fuq ħwienet tal-convenience. Ix-xhud kien tkellem ukoll mal-vittmi fosthom Joseph Cardona fid-dsatax (19) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016). Dan kien qiegħed fil-banka tal-lottu u meta kellmu x-xhud qal li l-persuna li għamlet il-hold up kienet mgħammda u armata b'arma tan-nar li kienet silver. Fit-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) ix-xhud kellem ukoll lil Pamela Sant li kienet fil-ħanut Drinks and More li jinsab fi Triq in-Naxxar, San Ġwann. Minn informazzjoni li ottjena mingħandha, irrizulta li kienu daħlu żewġ persuni fuqha, armati b'arma tan-nar u wieħed minnhom kellu l-arma żgħira u ta' kulur silver ileqq. Huma kellmuha bil-Malti. Wieħed miż-żewġ persuni kien itwal mill-ieħor. Dak li kellu l-arma tleqq daħal fejnha, talabha u ħadilha l-flus. Sant qalet lix-xhud li wara li ħarġu mill-ħanut, qasmu t-triq u telqu minn fuq il-post b'karozza Fiat Punto ta' kulur skur. Ix-xhud ppreżenta sett ta' ritratti meħuda minn filmati tal-kameras tas-

sigurta fil-ħanut Drinks and More. Fil-filmati tidher l-arma silver u l-persuna mgħammda tidher liebsa l-istess ġakketta li kienet preżenti fil-holdup tal-ħanut tal-convenience. Il-karozza Fiat Punto ukoll ġiet tidher fil-filmati tal-kameras tas-sigurta li qed taqsam għal faċċata tal-ħanut.

Ix-xhud qal li fit-tmienja (8) ta' Marzu kien sar holdup ieħor f'convenience store li jinsab fi Triq l-Isqof S. Caruana, l-Imsida. Hu kien mar fuq il-post u tkellem mal-vittma u żewġ persuni oħra li kienu fuq ix-xena tad-delitt. Ix-xhud tkellem ma' Jurgen Slow li qallu li kien daħal persuna mgħammad fuq il-post u kellu pistola ta' kulur silver. Ix-xhud tkellem ukoll ma' Brandon Cardona li kien qiegħed fuq il-post fejn qallu li kien daħal persuna u kellu arma tan-nar ta' kulur silver. Hu qallu li huma wara ħarbu minn fuq il-post b'karozza Fiat Punto ta' kulur skur. Ix-xhud tkellem ukoll ma' Miguel Vella fejn spjegalu ukoll li persuna armata niżlet minn ġo Fiat Punto li kienet ipparkjata faċċata tal-istess ħanut ġo drive-in u daħlet fil-ħanut. Huwa qal lix-xhud li l-persuna kellu track suit bil-kelma Givova b'kulur highlighter miktub fuqha. Dan kollu deher ukoll mill-filmati tas-CCTV cameras ta' fuq il-post u rriżulta li l-persuna li daħlet kienet liebsa ukoll slipper abjad. Huwa kien mgħammad għalhekk ix-xhud ma setgħax jagħrfu minn fuq il-filmati. Pero l-arma kienet tidher li hi silver eżatt kif spjegaw in-nies preżenti waqt id-delitt.

Minn hemm ix-xhud ħa downloads tal-filmati peress li kien hemm il-karozza Fiat Punto faċċata tad-drive-in. Din il-karozza kienet qed tiġi mfittxija mill-pulizija minn żmien qabel peress li kienu saru diversi holdups bl-istess karozza magħrufa għall-fanali tax-xewka. Ix-xhud spjega li l-fanali jgħidulhom tax-xewka għax il-fanali ta' wara ġejjin

qishom bix-xewka. Ix-xhud ppreżenta r-ritratti meħuda wkoll mill-filmati tal-kameras tas-sigurta.

Ix-xhud qal li in vista tal-holdups li kienu saru, il-Pulizija kienu on alert biex jaraw jidentifikawx din il-Fiat Punto partikolari. Fis-sittax (16) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016), ix-xhud qal li daħlet informazzjoni li kien hemm Fiat Punto ta' kulur aħdar b'żewġ minn nies ġo fiha. Kienu marru tar-RIU fuqha fejn hemm sabu l-karozza u waqqfuha. It-tnejn min-nies fiha rriżulta li kienu Kane Grima u Amrani Perrie Daniel Sciberras. Dawn it-tnejn kienu ġew arrestati, ngħataw is-solita twissija u kif ukoll il-possibilita li jitkellmu ma' avukat. Xħin dawn ġew arrestati, Kane Grima kien liebes ħwejjeġ li kienu jaqblu mal-holdup li kien sar fil-Convenience shop tal-Imsida. Ix-xhud spjega li ttieħdu ritratti ta' dan u ġew elevati il-ħwejjeġ minn fuqu. Ix-xhud ppreżenta sett ta' dawn ir-ritratti fejn tidher it-track suit bil-kelma Givova fuqha li kienet tixbah ħafna lil dik tal-holdup li saret fil-Convenience shop tal-Imsida.

Ix-xhud spjega li l-ħwejjeġ li ġew elevati minn fuq il-persuna ta' Kane Grima kienu jikkonsistu fi slippers Adidas abjad bil-qiegħ aħdar, track suit bil-qalziet bil-kelma Givova highlight, ġakketta sewda li kienet ukoll fuqu u hoodie bil-kelma 'New York' fuqu. Ġie kkonfiskat ukoll il-mobile ta' Kane Grima tad-ditta Allviev. Ix-xhud kompla jispjega li waqt li Kane Grima kien qed jiġi investigat beda jiċħad li huwa kellu xi involviment fil-holdups li kienu qegħdin isiru. Ix-xhud qal li meta kienu twaqqfu minn tar-RIU fuq il-post kienet instabet arma.

lx-xhud flimkien mal-kollegi tiegħu taħt struzzjonijiet tal-ispettur Carlos Cordina għamlu tfittxijiet fir-residenza ta' Kane Grima. Hemmhekk qalb il-ħwejjeġ fil-kamra tiegħu kien instab safe żgħir bla marka u dan kien imsakkar. Meta ix-xhud saqsa lil Kane biex jiftaħlu s-safe, huwa qal li l-code ma jafux. Ix-xhud kompla bit-tfittxija tiegħu u fic-chest drawer qalb il-ħwejjeġ sab moħbija ċ-ċavetta tas-safe li xħin pruvaha infetaħ. Ix-xhud qal li ma kienx hemm bżonn codes biex jinfetaħ. Ix-xhud ippreżenta ċ-ċavetta tas-safe li sab. Ġos-safe li nfetaħ mix-xhud nstab miżien żgħir iswed tad-ditta Aosai, erba' batteriji ssiġillati u borża li kien fiha trab jew sustanza bajda. Din il-borża kienet tidher li hi magħmula. Instabet borża oħra li ukoll kienet tidher magħmula pero kienet mqatta għalhekk tidher li s-sustanza li kienet ġo fiha ttieħdet. Ix-xhud spjega li nstabet borża oħra li kienet tidher li hi nofs għal fejn l-oħrajn. Din ukoll kienet imqatta x'aktarx b'mqass u kien jidher li l-borża kienet nofsha użata. Ix-xhud sab ukoll nofs karta li meta staqsa li Grima dwarha, dan ma spjegax ruħu sewwa fuqha. Ix-xhud staqsih jekk kinitx droga pero Grima ċaħad u qallu biex jiċċekjawha huma biex jaraw x'kienet. Ix-xhud qal li għadhom ma saru l-ebda testijiet fuq l-oġġetti li nstabu pero x-xhud esebijhom.

Ix-xhud kompla jgħid li fis-sbatax (17) ta' Marzu tal-elfejn u sittax (2016) kien ġie mitkellem ukoll Perrie Armani Sciberras fejn dan ta spjegazzjoni fid-dettal lill-Ispettur Carlos Cordina u lix-xhud kif kienu saru dawn il-holdups. Ix-xhud qal li mar fir-residenza ta' Sciberras biex jagħmel tfittxija. Bil-koperazzjoni ta' Sciberras ġiet elevata ġakketta li hija hoodie. Din kienet ta' Sciberras pero waqt l-investigazzjoni rriżulta li kienet intużat waqt il-holdup fil-ħanut ta' Drinks and More li kien sar minn tlieta minn nies. Fuq dan Sciberras spjega ruħu li hu kien qed isuq il-karozza

Fiat Punto, filwaqt li Josef Galea u Kane Grima kienu daħlu fil-ħanut u sar il-holdup minn dawn it-tnejn. Skond kif spejga Sciberras lix-xhud, il-ġakketta tiegħu bil-hoodie kien neżagħha u taha lil Galea biex jilbisha hu u dan tal-aħħar daħal fil-ħanut fejn sar l-allegat holdup. Imbagħad Galea taha lura lil Sciberras u Sciberras ħalliha d-dar. Ix-xhud qal li Sciberras minn jeddu għażel li jtih il-hoodie.

Peress li Sciberras għażel li jikkopera mal-pulizija, taħt struzzjonijiet tal-Ispettur Carlos Cordina, ix-xhud ħa lil Sciberras fuq il-postijiet fejn kienu saru l-holdups. Huma daru r-rotta u Sciberras ta d-dettalji kollha tal-holdups. Sciberras kompla jispjega lix-xhud li fil-holdup tal-ħanut tal-convenience kienu marru fuq il-post Grima u Sciberras bil-karozza Fiat Punto. Din il-karozza kienet irreġistrata fuq in-nannu ta' Sciberras bil-pjanċi oriġinali tagħha kienu HBE 939. Pero meta fil-holdups kienet tintuża l-karozza Fiat Punto, kienu jitwaħħlu sett pjanċi oħrajn li kienu jiġu misruqa ftit qabel. Sciberras qalilhom li l-pjanċi kien iġibhom Kane miegħu.

Sciberras kompla jispjega lix-xhud illi meta kien sar il-holdup tal-convenience, hu kien ipparkja, daħal ġod-drive-in u dam jistenna hemmhekk għax kien qed jidħlu n-nies ġol-ħanut. Kif Grima lesta mill-hold-up, Sciberras ħareġ bil-karozza minn ġod-drive-in u Grima rikeb ġol-karozza fuq in-naħa ta' wara. Waqt li kienu se jitilqu minn fuq il-post, Grima beda jipponta l-arma fuq il-ħaddiema tal-ħanut. Id-dettalji ta' x'ġara dehru mill-footage li kienu raw ix-xhud u l-kollegi tiegħu. Kien deher li kien hemm persuna mgħammda u kienet dehret tirkeb fuq is-seat

ta' wara u toħroġ idejha mill-ħġieġa ta' wara u tipponta l-arma fuq in-nies li kien hemm fil-ħanut biex ma jieħdu l-ebda azzjoni.

Ix-xhud ħa lil Sciberras fuq il-post tal-holdup ta' Drinks and More. Spjegalu li għal dan il-hold-up kienu t-tlieta. Sciberras kien qed isuq. Wara l-hold-up Galea u Grima niżlu mill-Fiat Punto, qalgħu l-pjanċi tagħha li kienu misruqin u t-tnejn telqu minn fuq il-post b'mutur iswed Piaggo Typhoo. Min-naħa tiegħu Sciberras telaq bil-Fiat Punto lejn id-dar. Dan li qal Sciberras qabel mal-filmati tal-kameras tas-sigurta li kien hemm fuq il-post. Peress li rriżulta li kien intuza wkoll mutur, ix-xhud kien reġa għamel tfittxija għand Kane Grima fejn fil-garaxx mal-fond fejn kien jirrisjedi instab mutur Piaggio Typhoo bin-numru tar-reġistrazzjoni tiegħu EAD 608. Dan ġie elevat mill-pulizija.

Ix-xhud kompla jispjega li kien hemm holdups oħra fejn Sciberras spjega liema minnhom kien involut u liema ma kienx. Fil-holdup fuq il-ħanut tal-Kantuniera li sar fil-ħdax (11) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) għalkemm Sciberras ma kienx preżenti u ma ħax sehem f'din il-holdup, Grima u Galea kienu talbuh il-karozza Fiat Punto biex jagħmlu l-holdup biha. Ix-xhud għaraf il-vettura u l-mutur li kienu ġew elevati mir-ritratti li ġew esebiti.

Ix-xhud ikkonferma li huwa kien ħa r-ritratti huwa stess fil-bitħa tas-CID. Huwa spjega li l-karozza kienet l-istess Fiat Punto li kienu waqqfu tar-RIU meta kienu arrestaw lil Kane Grima u lil Perrie Sciberras. Fir-ritratti deher wkoll id-double-sided tape, fejn jidher li kien twaħħal xi oġġett fuq il-pjanċa tal-vettura.

Fix-xhieda li ta fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2019, PS 90 Jeffrey Gerada (Fol. 1121 et seq) xehed li huwa kien ħa xi ritratti tal-ħwejjeġ li kien libes Kane Grima fil-mument tal-arrest tiegħu. Dawn il-ħwejjeġ eventwalment ġew elevati minn fuq il-persuna ta' Kane Grima. Kompla jgħid li mingħand Kane Grima kien anke ġie elevat mutur tal-marka Piaggio bin-numru EAD 608 u anke safe li kien instab fir-residenza ta' Grima u li fih kien instab sustanza suspettata droga. Dawn l-affarijiet kollha kienu ġew fotografati.

**In kontro-ezami**, ix-xhud ġie mistoqsi jekk apparti Kane Grima kienx ħa ritratti tal-imputati l-oħra. Huwa wieġeb li jista' jkun li iffotografahom wkoll.

**PS 1540 Edmond Fenech** (Fol. 188 et seq) esebixxa r-rapport redatti minnu in konnessjoni mal-hold-ups li kienu seħħew.

**Stephen Cachia (Fol. 221 et seq)** in rappreżentanza ta' Transport Malta xehed li Transport Malta kienet ġiet mitluba tagħmel verifiki fuq tlett vetturi. Mir-riċerka li għamel ix-xhud irriżulta li l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni EAD 608 hija Piaggio Typhoo, mutur ta' kulur blu, reġistrat fuq Kane Grima, karta tal-identita 333095M. Dan kien ilu rreġistrat fuq ismu mis-sittax (16) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015). Mir-riċerka li għamel ix-xhud il-vettura bin-numbru tar-reġistrazzjoni CBO 074 hija Mitsubishi Carisma ta' kulur aħdar, irreġistrata fuq Zoie Nicole Horsewood, karta tal-identita 25076A u ilha rreġistrata fuq isimha mid-disgħa (9) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014). Mir-riċerka li għamel ix-xhud fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni HBE 939 irrizulta li

din hija Fiat Punto ta' kulur aħdar, irreġistrata fuq George Sciberras, detentur tal-karta tal-identita 545236M u ilha hekk irreġistrata mit-tmienja (8) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016). Ix-xhud qal li Transport Malta ma jkollix informazzjoni jekk hemmx nies oħra li jkunu awtorizzati li jsuqu l-Fiat Punto peress li din hija kwistjoni li tikkoncerna lill-kumpanija tal-assikurazzjoni. Temm jgħid li l-log book tal-vettura joħroġ fuq persuna waħda.

**Michael Tanti** (Fol. 237 et seq) xehed li dakinhar filgħaxija li seħħet is-serqa mill-ħanut tal-Kantuniera Convenience fil-Gżira hu kien ipparkjat fi Triq Freres. Kien sejjer id-dar u x'ħin dar il-kantuniera għal Triq Luqa Briffa sema' għajjat ta' xi ġuvintur fit-triq. Huwa innota karozza Fiat Punto skura ipparkjata ħażin fuq double yellow line u din ta kasha għaliex hemmhekk hemm problema bil-parking. Huwa kien kurjuż u ried jara x'inhu jiġri. Xħin ix-xhud dar il-kantuniera, il-ġuvintur daħlu fil-vettura u telqu jiġru gas down. Ix-xhud ħass li kienet ġrat xi ħaġa u għalhekk mar sal-ħanut. Huwa sab lil sid il-ħanut fin-nofs tat-triq u dan mar ħdejh biex jara x'ġara. Dan qal lix-xhud li serquh u x-xhud offrielu l-għajnuna. Ix-xhud jikkalkulha li mnejn waqaf hu għal ħanut kien hemm bejn mija (100) sa mitejn (200) metru bogħod. Ix-xhud ma ftakarx id-data eżatt ta' meta seħħ il-kaz. Seta' jgħid biss li kien seħħ xi ftit xhur aktar qabel.

**PC 327 Sean Pace** (Fol. 240 et seq) xehed li fis-sittax (16) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) kien assista lis-surġent waqt investigazzjoni rigward serje ta' hold-ups li kienu seħħew f'banka tal-lottu ta' San Ġwann, fil-ħanut Drinks and More, fil-Convenience shop ta' ħdejn il-

KFC, u fil-ħanut tal-convenience ieħor jismu Tal-Kantuniera li qiegħed eżatt fil-kantuniera ma' Rue D'Argens. Ix-xhud flimkien mas-surġent kienu ħadu lil Kane Grima, lil Josef Galea u lil Perrie Sciberras fuq il-post. Ix-xhud għaraf lil dawn it-tlett persuni fl-awla. Meta dawn ittieħdu fuq il-post, Grima u Galea baqgħu jiċħdu l-involviment tagħhom pero Sciberras urijhom u tkellem max-xhud u l-kollegi tiegħu fuq fejn daħlu bil-karozza b'kollox.

Ix-xhud flimkien mas-surġent elevaw l-mutur ta' Grima minn ġewwa r-residenza tiegħu fil-Gzira u għamel tfittxija wkoll fir-residenza ta' Perrie li tinsab il-Gżira ukoll. Ix-xhud qal li Sciberras kien indikalhom fejn kien prezenti għall-hold-ups u fejn ma kienx. Sar jaf bil-hold-ups l-oħra għaliex Galea u Grima kienu tkellmu quddiemu dwarhom.

Rigward is-serqa li saret fil-ħanut Drinks and More, ix-xhud qal li hu kien mar fuq il-post dakinhar li seħħet is-serqa. Il-vittma indikatilhom li kienet rat li l-vettura li l-ħallelin kienu telqu biha minn fuq il-post kienet Fiat Punto ta' lewn griż. Il-vittma rrakkontat lix-xhud li l-vettura kienet qasmet it-triq il-prinċipali ta' San Ġwann għall-faċċata.

Sciberras spjega lix-xhud u l-kollegi tiegħu li hu kien qed isuq meta l-Fiat Punto qasmet faċċata. Sciberras kiser l-ewwel kisra 'l isfel, ipparkja hemm u kien hemm mutur. Sciberras telaq bil-karozza waqt li Grima u Galea telqu bil-mutur minn hemmhekk.

**<u>PS 157 Brian Mifsud</u>** (Fol. 243 et seq) ippreżenta żewġ rapporti redatti minnu: wieħed in konnessjoni mal-hold-up li ġie irrappurtat lill-pulizija

fis-sitta (6) ta' Jannar elfejn u sittax (2016) li seħħ f'The Convenience Shop li jinsab Triq il-Gżira, Gżira u l-ieħor in konnessjoni mal-hold-up li seħħ nhar il-ħdax (11) ta' Frar elfejn u sittax (2016) minn ġol-ħanut Tal-Kantuniera Convenience Store li jinsab Triq D'Argens, Gżira.

**PS 1128 Glenn Sammut** (Fol. 255 et seq) xehed li nhar it-tnejn (2) ta' Marzu elfejn u sittax (2016) ġie infurmat li ġewwa l-istabbiliment Drinks and More ta' San Ġwann kien għadu kif seħħ hold-up. Ix-xhud flimkien ma' tlett pulizija oħra marru fuq il-post. Hemmhekk sabu lil ċertu Pamela Sant fejn din kienet qiegħda wara l-counter ta' dan il-ħanut. Din qaltilhom li daħlu tnejn mgħammdin b'maskla tas-suf u kienu qalulha biex ma toqgħodx tibża u tiftħilhom il-cash. Hija stqarret li xħin qal dan il-kliem wieħed minnhom ħareġ ir-revolver u dar wara l-counter. Saħansitra wkoll f'ħin minnhom anke għamlu ma rasha waqt li serqilha xi ammont ta' flus u xi pakketti tas-sigaretti li kienu qiegħdin wara l-counter.

Ix-xhud qal li kien tkellem ma' Isabelle Tanti, u mat-tifla tagħha Christine Nenecek li kienu qiegħdin jixtru mill-ħanut u bdew jisimgħu lill-kaxxiera tgħajjat "Ħalluni! Ħalluni!". Dawn bdew jistaħbew wara xi xkaffar li kien hemm ġo dan l-istess ħanut. Ix-xhud kompla jgħid illi waqt li kien għaddej il-holdup kien hemm ċertu wieħed Ziad Laswad. Dan qal lix-xhud li kien daħal ġol-ħanut u ra żewġ persuni mgħammdin, lebsin ħwejjeġ griżi fl-iswed u dan xħin daħal ippuntawlu l-arma lejh. Laswad qal lix-xhud li ħaseb li kienet ċajta u baqa' sejjer jixtri l-affarijiet minn ġewwa.

Ix-xhud qal wkoll li dawn il-persuni li kienu fuq il-post semmewlu xi vettura ta' lewn iswed jew skur pero ma tawx każ il-pjanċi. Ix-xhud żied jgħid illi dik il-ġurnata stess ftit qabel ma seħħ il-hold-up kien daħal rapport ta' serqa ta' żewġ pjanċi mill-viċinanzi ta' hemmhekk stess, fi Triq Taż-Żwejt, San Ġwann.

**<u>PC 149 Jesmond Abela</u>** (Fol. 267 et seq) xehed li fis-sittax (16) ta' Marzu, hu flimkien mal-kollegi tiegħu kien xogħol bil-lejl. Ġew infurmati illi kien sar hold-up għal xi d-disgħa ta' bil-lejl (9:00 pm). Ix-xhud qal li marru fuq il-post ta' fejn sar il-hold-up fi Triq l-Isqof Caruana, l-Imsida pero il-karozza instabet fi Triq Victor Denaro, l-Imsida stess. Ix-xhud iddeskriva li l-karozza kienet tal-amla Fiat Uno, bil-pjanċi CBO-074 u kellha kulur skur. Ix-xhud qal li l-vettura ma ġietx ivverifikata minn naħa tiegħu għal affarijiet mhux legali. Ix-xhud qal li xħin waslu fuq il-post bdew ifittxu għal xi affarijiet mal-art. Ix-xhud qal li l-kollegi tiegħu sabu basket u balaklava pero hu kien hemm fuq il-post u rahom.

Ix-xhud qal li hu kien li sab l-arma tan-nar daqs mitt (100) pass 'l bogħod mill-karozza fi Triq Victor Denaro. Ix-xhud qal li bejn fejn sar il-hold-up u fejn waqfu u nstabet l-arma kull ma kien hemm bogħod kienet kantuniera u nofs. Ix-xhud iddeskriva l-arma bħala waħda żgħira, gold tirrifletti. Ix-xhud qal li hu qagħad maġemb l-arma minn xħin instabet sa xħin ġew tad-dipartiment tal-forensika u ħaduha. Huwa qal li l-karozza kienet ipparkjata u kien hemm tlett ġuvintur fejn il-karozza. Ix-xhud fl-awla għaraf biss lil Perrie Daniel Sciberras bħala wieħed minn dawn il-ġuvintur.

**Peter England (Fol. 271 et seq)** xehed in rappreżentanza ta' England Insurance Agency. Spjega li huwa d-direttur tal-kumpanija. B'riferenza għall-vettura HBE 939 din kienet koperta b'polza tal-assigurazzjoni fuq isem George Sciberras. L-assikurazzjoni kienet imħallsa għall-perjodu l-ewwel (1) ta' Settembru elfejn u sittax (2016) sal-wieħed u tletin (31) ta' Awissu tal-elfejn u sbatax (2017). Ix-xhud qal li l-polza ħarġet li jista' jsuqha George Sciberras u nies awtorizzati minn George Sciberras li huma 'l fuq mill-ħamsa u għoxrin (25) sena.

L-ispiżjar **Godwin Sammut** (Fol. 284 et seq) xehed li huwa kien ġie nnominat minn din il-Qorti fit-tlettax (13) ta' Lulju tal-elfejn u sittax (2016) sabiex jagħmel analiżi fuq biċċa plastik trasparenti vojta, biċċa plastik li kien fiha traċċi ta' trab ta' lewn abjad, qartas tal-plastik li kien fih trab ta' lewn abjad u biċċa karta. Ix-xhud qal li mill-analiżi li għamel fuq it-trab, an irriżulta pożittiv għall-kokajina. Hu qal li l-piż total tat-trab kien dak ta' punt ħamsa grammi (0.5g) u ħa swabs minn fuq il-plastik li kien fiha traċċi tat-trab ta' lewn abjad li rriżultat ukoll pożittiv għall-kokajina.

**Lucianne Cini** (Fol. 295 et seq) xehdet li hija ġiet mitluba tagħti rendikont ta' ċertu ħwientet li ġew misruqa u li huma klijenti tax-xhud. Ix-xhud qalet li polza minnhom hi tal-assigurata Lotto Receivers Union li tkopri l-banka tal-lottu ta' John Mary Cardona u polza oħra tal-assigurata Charlene Catania. Din kienet tkopri l-Confectionary and Convenience Store tal-Gżira. Ix-xhud ippreżentat kopja taċ-ċekkijiet u tad-discharge form ta' kemm il-kumpanija assikuratrici kienet ħallset lill-assigurati tagħha.

**In kontro-eżami** ix-xhud qalet li l-ħanut Tal-Kantuniera Convenience Shop tal-Gżira għamel claim ta' elfejn ħames mija u ħamsin ewro (€ 2550) filwaqt li tal-banka tal-Lottu għamel claim ta elf u ħamsin ewro (€1050). Spjegat li fil-każ tal-Bank tal-Lottu kien tħallas anqas għar-raġuni li minnu tnaqqsu l-pagamenti li kien ħallas lir-rebbieħa kif wkoll wkoll tnaqqas l-excess dovut. Għar-rigward il-float li kien hemm huma imxew fuq l-ammont li kien dikjarat lill-Pulizija u mhux fuq id-dikjarazzjoni li saret lilhom minn sid il-Banka tal-Lottu. Għar-rigward il-ħanut Tal-Kantuniera indikat li l-porlza kellha limitu ta' € 2,000.

**Carmel Catania** (Fol. 303 et seq) beda biex qal li fil-ħdax (11) ta' Frar għal ħabta tal-għaxra neqsin għoxrin ta' filgħaxija (9:40 pm) hu kien qiegħed fil-ħanut 'Tal-Kantuniera'. F'daqqa waħda daħlu tnejn minn nies armati, b'wiċċhom mgħotti b'għajnejhom biss jidhru u lebsin l-ingwanti. Wieħed minnhom kien itwal mill-ieħor u kellu pistola f'idu u talbu għall-flus li kien hemm fil-cash. Ix-xhud irrakkonta li għall-ewwel tah ftit flus u dan reġa' ppuntalu l-arma waqt li qallu li jrid kollox. Kien dak il-ħin li rrealizza li kien hemm persuna oħra ħdejn l-ieħor pero kien daqsxejn iżgħar.

Ix-xhud qal li qabad il-kexxun tal-cash u tah lil wieħed minnhom u mbagħad talbuh il-flus kontanti u x-xhud tahomlhom. Persuna minnhom qabad ħa l-flus kontanti u telaq jiġri u l-ieħor li kien daqxejn iżgħar qabad il-kexxun u telaq jiġri. Il-persuna li kien iktar twil telaq jiġri lejn Fleur Street li qiegħda kantuniera faċċata tal-ħanut. Ix-xhud qal li lill-persuna li dehret żgħira fl-istatura ipprova jimbuttaha hija u ħierġa mill-ħanut. Pero ma laqtux sew. Għalhekk qabad pakkett tal-ilma u waddabulu. Pero

ma laqtux. Il-ħalliel tfixkel xi ftit u telaq dritt 'l isfel għas-Savoy. F'dak il-ħin inzerta ma kien hemm ħadd fil-ħanut pero xħin in-nies raw il-kommossjoni, kien hemm żewġ (2) persuni ġo karozza li marru jiġru wara l-iżgħar persuna fost it-tnejn. Dan baqa nieżel Triq Rue D'Argens 'l isfel lejn l-istadium u tal-karozza baqgħu jiġru warajh. Fl-istess waqt, żewġ (2) persuni li x-xhud ma jafhomx, waqfu bil-karozza u tawh xi flus li sabu mal-art li ħasbu li waqqgħu l-ħallelin. Ix-xhud sostna illi ż-żewġ vetturi li waqfu quddiem il-ħanut ma kellhom l-ebda involviment fis-serqa. Ix-xhud qal li wara ċempel lill-pulizija u dawn ġew fuq il-post.

Ix-xhud qal li dak il-ħin wara s-serqa ma kienx jaf l-ammont ta' kemm kienu serqulu bl-eżatt. Hu qal li l-ġurnata jibdewha bi tlett mija (€300) fi flus kontanti. L-ammont li ikkalkulha li kien insteraqlu kien ta' elfejn erba' mija disgħa u sittin ewro punt sebgħin ċenteżmu (€2469.70). Ix-xhud qal li dan l-ammont ġie mitlub mill-Mapfre Middlesea Insurance pero kull ma tawh lura kien elfejn ewro (€2000) peress li l-insurance kienet tkopri sa dak l-ammont.

**<u>Joseph Mary Cardona</u>** (Fol. 305 et seq) spjega li darba waħda huwa kien qiegħed fil-banka tal-lottu li tinsab f' San Ġwann. Mar fejnu wieħed bil-mixi mill-ġenb tal-banka. Dan kien mgħotti kollu minn rasu sa saqajh għalhekk ma setax jagħraf min kien. Dan kellu pistola f'idu ta' lewn chrome. Tefagħlu borża sewda u qallu biex jagħtih il-flus. Ix-xhud tefa' xi karti iżda l-ħalliel insista li jagħtih kollox. Għalhekk dan battal il-landa tal-ħadid li kellu u b'kollox ħadlu elf u għoxrin ewro (€1,020). Ix-xhud spjega illi l-kumpanija tal-insurance Mapfre Middlesea kopriet seba' mija

disgħa u sittin ewro punt erbatax -il ċenteżmu (€769.14). Ix-xhud spjega li kieku ried jaħrab minn fuq il-post ma setax.

**In kontro-eżami** x-xhud qal li huwa kien għamel claim mal-insurance għall-ammont ta' elf u għoxrin ewro (€ 1,020). Mill-assikurazzjoni pero hu ħa anqas għar-raġuni li mill-ammont mitlub tal-assikurazzjoni jnaqqsu xi persentaġġ.

**Joseph Mangion** (Fol. 309 et seq) xehed in rappreżentanza ta' Atlas Insurance. Beda biex qal li l-assikurata tagħhom hija l-kumpanija Jin Ltd, l-operatur tal-ħwienet tal-convenience. Ix-xhud spjega li ż-żewġ ħwienet involuti jisimhom Convenience Store u wieħed jinsab il-Gżira u l-ieħor l-Imsida. Ix-xhud kompla jgħid illi f'dawn iż-żewġ każijiet hemm notifika mingħand l-assigurat tagħhom li kien hemm serqa. Iż-żewġ claims kienu għadhom fil-fażi li qegħdin jiġu ipproċessati. Għalhekk minn naħa tas-socjeta assikuratrici kienu għadhom ma sarux pagamenti peress li kienu qegħdin jistennew xi dokumenti mingħand l-assigurat tagħhom. Ix-xhud spjega li fuq is-serqa tal-ħanut Convenience Store li jinsab fi Triq l-Isqof Caruana, l-Imsida li seħħet fid-disgħa (9) ta' Marzu tal-elfejn u sittax (2016), l-assigurat għadda dokument illi juri li s-serqa kienet tikkonsisti fl-ammont ta' sitt mitt ewro (€600) rappreżentanti valur ta' mobile top up cards. Bħala flus kontanti nsterqu elf disa' mija tlieta u erbgħin ewro u erbgħin ċenteżmu (€1,943.40).

**Philip Gatt** (Fol. 312 et seq) xehed li fit-tnejn (2) ta' Marzu elfejn u sittax (2016) għal ħabta tad-disgħa u kwart ta' filgħaxija (9:15 pm), l-impjegata tiegħu tal-ħanut Drinks and More ċemplitlu u infurmatu li kienu daħlu

fuqha żewġ minn nies. Għalhekk hu għamel rapport lill-pulizija. Ix-xhud qal li kull xift jinbeda b'erba' mija (€400) u skont iż-Z reading u il-kalkoli li għamel, f'dak ix-xift kellu bejgħ ta elf tlett mija u tmenin ewro (€1,380) li minnhom kien hemm mitejn u sebgħin ewro (€270) tal-card sales . Peress illi l-card sales ma setgħux jittieħdu fi flus kontanti bħala bilanċ kien hemm elf u mitt ewro (€1,100). Għalhekk jiġi li ħadulu elf u ħames mitt ewro (€1,500) fi flus kontanti. Serqulu wkoll bejn għoxrin (20) u ħamsa u għoxrin (25) pakkett sigaretti. Il-valur totali misruq inkluż is-sigaretti kien jammonta għal elf u sitt mitt ewro (€1,600). Ix-xhud qal li ma kienx kopert mill-insurance u minn dakinhar tas-serqa ma tħallas l-ebda ammont.

**Andrew Attard** (Fol. 319 et seq) xehed fil-vesti tiegħu ta' operations manager tal-Convenience Shops. Spjega li mill-Convenience Shop ta' Triq l-Isqof E. Caruana, l-Msida fit-tmienja (8) ta' Marzu 2016 insterqet is-somma ta' elfejn, disa' mija, tmienja u għoxrin ewro (€2,928).

L-Ispettur **Carlos Cordina** (Fol. 329 et seq) esebixxa numru ta' dokumenti ta' identifikazzjoni ta' Perrie Daniel Amarni Sciberras detentur tal-karta tal-identita 66250A.

L-Ispettur **Jonathan Ransley** (Fol. 343 et seq) esebixxa żewġ (2) sentenzi fil-konfront ta' Kane Grima u oħra fil-konfront ta' Josef Galea.

L-Ispettur **Carlos Cordina** (Fol. 365 et seq) beda biex qal li l-pulizija kellhom diversi rapporti ta' serq minn ġo convenience shops u anke banka tal-lottu li jinsabu fl-akkwati ta' Tas-Sliema, Msida u l-Gżira. Dan

beda jseħħ mis-sitta (6) ta' Jannar sat-tmienja (8) ta' Marzu. Il-pulizija bdew jinnotaw li f'diversi okkażjonijiet f'dan is-serq daqqa kien qed jkun hemm persuna waħda u daqqa tnejn u minn xi daqqiet anke tlett persuni. Xi kultant kienet tintuża ukoll vettura tal-għamla Fiat Punto ta' lewn skur, bin-numru tar-reġistrazzjoni ma kinux magħrufa f'dak iż-żmien. Fis-sittax (16) ta' Marzu elfejn u sittax (2016), ix-xhud ġie infurmat li waqt ronda li kienet qed issir minn vettura tal-RIU mill-pulizija 837 u 913 fl-akkwati ta' Triq Victor Denaro l-Imsida dawn kienu innutaw karozza Fiat Punto bin-numru tar-reġistrazzjoni CBO 074. Ix-xhud qal li l-pulizija daħlilhom suspett fuq din il-vettura peress li fil-viċinanzi kien hemm Convenience shop ieħor. Dawn il-persuni fl-imsemmija vettura għamlu xi manuvra partikolari li aktar żied s-suspett tal-pulizija. Din il-vettura ġiet mwaqqfa mill-istess pulizija u meta dawn iċċekjaw in-numru tal-vettura li kien CBO 074 indunaw li dawn il-pjanċi kienu ġew misruqa xi siegħat qabel u fil-fatt kien anke sar rapport lill-pulizija dwar dan. Ix-xhud qal li l-propja pjanċi tal-Fiat Punto ta' lewn aħdar skur kienu HBB 939. Din il-vettura meta waqqfuha l-pulizija kien fiha żewġ (2) persuni, preċiżament Perrie Daniel Amarni Sciberras, detentur tal-karta tal-identita 66250A, u Kane Grima, detentur tal-karta tal-identita 333095M. Ix-xhud għaraf lil dawn iż-żewġ persuni fl-awla.

Ix-xhud kompla jispjega li fl-akkwati ta' fejn waqfu lill-vettura l-Pulizija kienu sabu pistola ta' kulur chrome li kienet tidher f'ħafna filmati kif ukoll mid-deskrizzjonijiet li taw lill-Pulizija il-vittmi tas-serq fil-ħwienet tal-Convenience. Ix-xhud qal li ġol-vettura nstab ukoll basket u ġo fih kien hemm balaklava u ngwanti. Fuq il-post mar l-Ispettur Fabian Fleri mid-Dipartiment tas-CID u informa lil tas-SOCO sabiex jelevaw u jieħdu r-

ritratti tal-evidenza li kien hemm fuq il-post. Ix-xhud qal li anke l-low loader tal-pulizija nqala sabiex jittowja l-vettura.

L-investigazzjoni kienet qed issir mix-xhud flimkien mal-Ispettur Ransley. Huma kellmu lil Perrie Daniel Amarni Sciberras fejn dan spjegalhom li kien qed jiġi bullied minn Kane u minn Josef li kienu ħbieb ħafna. Sciberras beda anke isellifhom il-karozza li hija ta' nannuh kif ukoll f'ċertu okkażjonijiet kien qed jwassalhom bl-istess karozza fil-post fejn kellhom jattakkaw. Ix-xhud qal li kien hemm koperazzjoni min-naħa ta' Perrie mal-pulizija fejn irrilaxxja stqarrija. F'din l-isqarrija Perrie kien ammetta l-involviment tiegħu f' ċertu serqiet kif ukoll kien semma l-isem ta' Kane Grima (bħala l-persuna li kien qiegħed miegħu dakinhar fil-karozza) kif wkoll lil Josef Galea li kien involut f'dan is-serq. Kien anke ta dettalji dwar is-serqiet partikolari li kienu seħħew.

Għar-rigward Kane Grima, l-Ispettur Cordina qal li dan beda jiċħad l-involviment tiegħu fil-każ. Dakinhar stess tal-arrest, Kane Grima kien liebes qalziet ta' lewn iswed u bil-kitba ħadra tgħajjat kien hemm il-kelma 'Givova'. Dan il-qalziet deher f'ħafna mis-serqiet li ġew akkużati l-imputati bihom.

Ix-xhud kompla jgħid li waqt it-tfittxija li saret mis-Surġent PS 690 fir-residenza ta' Kane Grima instab safe. Grima għall-ewwel qal li ma kellux ċavetta sabiex jiftħu. Eventwalment pero iċ-ċavetta nstabet mis-Surġent Gerada u wara li infetaħ fis-safe instab miżien kif ukoll xi traċċi u anke xi boroż b'kontenut ċar ta' lewn abjad. Meta Grima ġie mistoqsi sabiex jagħti

spjegazzjoni, hu ta lis-surġent risposta fażulla fejn qallu li ma kinetx droga imma xi sustanza oħra li m'għandha xejn x' taqsam mal-każ.

Ix-xhud kompla jgħid li waqt l-investigazzjoni u l-interrogazzjoni li kienet qed issir ma' Perrie Daniel Amarni, dan semma lil Josef Galea. Galea ġie arrestat mill-Ispettur Flieri u saritlu tfittxija ġewwa r-residenza tiegħu. Ix-xhud temm jgħid li Galea dejjem ċaħad l-involviment tiegħu.

**L-Ispettur Fabian Fleri** (Fol. 372 et seq) xehed li fis-sittax (16) ta' Marzu elfejn u sittax (2016) kien qiegħed night patrol duty CID officer. F'dawk iż-żminijiet kien qed ikollhom serje ta' holdups ġewwa Convenience Shops li kienu jinsabu fl-akkwati ta' Ta' Sliema, il-Gżira u l-madwar. Huma kienu jafu li l-persuni li qed jagħmlu dawn il-hold-ups kienu qed jagħmlu użu minn vettura Fiat Punto ta' kulur aħdar. Infatti, ix-xhud kien ta din l-informazzjoni lil tal-RIU biex ikunu on the lookout għal din it-tip ta' vettura speċjalment fil-viċinanzi ta' dawn it-tip ta' ħwienet. Għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta' filgħaxija, ix-xhud ġie nfurmat li ġewwa Triq Victor Denaro, Msida biswit l-iskola primarja tal-Imsida kienet ġiet innutata vettura Fiat Punto ta' kulur aħdar li meta kienet qed tinstaq u ġew fil-viċinanzi tal-pulizija tal-RIU, dawn għamlu xi mossa bid-dawl tal-vettura u din il-vettura ġiet imwaqqfa.

Ix-xhud kompla jistqarr li rriżulta illi din il-vettura kellha numri tar-reġistrazzjoni CBO 074 illi kienu jgħajtu lill-vettura oħra. Irriżulta wkoll li dawk il-pjanċi kienu nsterqu dakinhar stess minn Manuel Island Gżira. Ix-xhud mar mill-ewwel fuq il-post u f'din il-vettura rriżulta li kien hemm Perrie Daniel Sciberras, detentur tal-karta tal-identita 66250A u Kane

Grima, detentur tal-karta tal-identita 333095. Hawnhekk ġie innutat ukoll illi taħt l-imsemmijin pjanċi instabu pjanċi oħrajn li kienu HBE 939. Dawn kienu l-pjanci tal-vettura propja. Aktar tard irriżulta illi din il-vettura kienet irreġistrata fuq persuna anzjana illi x'aktarx kien in-nannu ta' wieħed minnhom. Ix-xhud għaraf liż-żewġ persuni fl-awla.

Ix-xhud qal li f'inqas minn ħamsin (50) metru kien hemm Convenience Shop fil-kantuniera u meta bdew jagħmlu t-tfittxija tagħhom, ftit lil hemm minnu l-pulizija sabet basket taħt il-vettura u nstabet ukoll arma tan-nar. Din kienet f'forma ta' pistola li kienet silver bil-manku abjad u kienet tixbah ħafna d-deskrizzjoni tal-arma li ntużat f'hold-ups li ġraw fil-ġranet u l-ġimgħat ta' qabel. Fil-basket instabu xi balaklavi. Il-persuni involuti ġew arrestati u l-vettura ġiet ukoll meħuda permezz ta' tow truck ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Ix-xhud qal wkoll li mill-istħarriġ irriżulta li certu Josef Galea kienu wkoll involut u għalhekk dan wkoll safa' arrestat mid-dar tar-residenza tal-ġenituri tiegħu. Saret wkoll tfittxija fid-dar ta' residenza ta' Josef Galea pero din irriżultat fin-negattiv.

<u>**PC 1525 Patrick Farrugia u PC 637 Kevin Manicolo**</u> (Fol. 628 et seq) xehdu li huma kienu ġew nominati bħala esperti tax-xena tar-reat rigward sejba ta' vettura tal-marka Fiat Punto li nstabet ġewwa Triq Victor Denaro l-Imsida nhar is-sittax (16) ta' Marzu elfejn u sittax (2016). Sussegwentement din il-vettura rriżulta li kienet involuta f' xi atti kriminali oħra li saru madwar il-gżira. Ix-xhud u l-kollegi tiegħu aċċedew fuq il-post fejn preżenti sabu diversi pulizija tad-distrett, diversi pulizija mill-RIU. Huma ġew indikati l-vettura msemmija, pistola ta' lewn metalliku fl-art u basket tad-drapp li kien fih xi affarijiet. Wara li ġiet

ippreservata x-xena tar-reat, din ġiet iffotografata. L-arma in kwistjoni inġabet safe to handle u flimkien mal-basket li instab fuq il-post, dawn ġew elevati.

Ix-xhieda eżaminaw l-vettura in kwistjoni għal xi evidenza pertinenti inkluż impronti diġitali. Waqt li kien qed isir tali eżami, ġie innutat li fuq il-pjanċi kemm ta' quddiem kif ukoll ta' wara, taħt il-pjanċa CBO 074, kienet tidher pjanċa oħra bin-numru HBE 939. Din kienet tidher li hi mwaħħla permezz ta' double sided tape, liema double sided tape instab roll simili bħalu ġewwa l-bagoll tal-vettura. Ix-xhud ħa ħsieb li jaqla l-pjanċi u jelevahom għal aktar analizi. Ix-xhud spjega li fit-tmintax (18) ta' Marzu għaddew diversi dokumenti għal iżjed eżamijiet ta' mpronti diġitali lill-espert nominat is-sur Jeffrey Hughes u għaddew ukoll dokument lis-sinjura Marisa Cassar għal aktar eżamijiet minn naħa tagħha għal fini ta' DNA.

**PS 602 Jonathan Attard** (Fol. 670 et seq) spjega li huwa kien eżamina l-pistola u l-magazine bil-ballal fih. Spjega li l-pistola ma setgħetx tispara għaliex ma kienx fiha firing pin. Id-dettalji kollha tal-pistola inkluż is-serial number tagħha kienu hemm. Il-mekkanizmu li kellha l-pistola kien jaħdem kollu tajjeb. Pero firing pin ma kienx hemm għax kien imneħħi. Temm jgħid li l-balal esebiti kienu kompatibbli mal-pistola u kien wkoll kompatibbli l-magazine.

**PS 122 Arthur Borg** (Fol. 677) esebixxa r-ritratti meħuda minnu in konnessjoni mas-serqa li kienet saret fit-tmienja (8) ta' Marzu 2016 mill-ħanut The Convenience Shop fi Triq FS Caruana, l-Msida.

**PC 659 Jeffrey Hughes** (Fol. 693 et seq) xehed li huwa kien ġie maħtur biex jeleva impronti diġitali minn fuq pistola, magazine, par pjanċi u roll double sided tape.

**PS 186 Christian Mintoff** (Fol. 710) ikkonferma r-ritratti minnu meħuda in konnessjoni mal-hold-up li kien seħħ fil-ħanut "Tal-Kantuniera Convenience Store" f' Tas-Sliema fil-11 ta' Frar 2016.

L-**Ispettur Paul Camilleri** (Fol. 712) spjega li huwa kien ġie maħtur bħala scene of the crime photographer in konnessjoni ma' serqa li kienet saret mill-ħanut bl-isem Drinks and More ta' Triq Naxxar, San Ġwann. Huwa ippreżenta r-rapport redatt minnu.

**PS 637 Kevin Manicolo** (Fol. 737 et seq) xehed li huwa kien ħa ħsieb ix-xogħol ta' fotografija in konnessjoni mal-hold up li kien seħħ mill-ħanut The Convenience Shop fi Triq il-Gżira, l-Gżira.

**PS 186 Kristian Mintoff** (Fol. 751) xehed li huwa kien ħa ħsieb ix-xogħol ta' fotografija in konnessjoni mal-hold up li kien seħħ mill-ħanut Drinks and More ta' Triq in-Naxxar, San Ġwann.

**PS 826 Matthew Parnis** (Fol. 757A) xehed li nhar it-tmienja (8) ta' Marzu 2016 huwa kien ġie infurmat mill-Ispettur Jonathan Ransley biex jagħmel xi xogħol relatat mas-scene of crime ġewwa l-fond The Convenience Shop ta' Triq F.S Caruana, Msida. Fil-kors tal-inkarigu tiegħu, ix-xhud eleva żewġ (2) sigaretti mill-faccata tal-fond fejn kienet seħħet is-serqa.

**L-Ispettur Lara Butters** (Fol. 774 et seq) xehdet li fis-16 ta' Marzu 2016 hija kienet ġiet infurmata li kienet twaqqfet vettura tal-għamla Fiat Punto ġewwa Triq Victor Denaro l-Imsida. Il-vettura kienet twaqqfet għaliex kien hemm suspett li l-persuni ġo fiha kienu għamlu diversi hold-ups f'Convenience Stores. Spjegat li hija marret fuq il-post u sabet il-vettura ta' lewn blu ipparkjata fejn l-iskola. Ftit aktar 'l isfel mill-post fejn kienet parkeġġjata l-vettura kien hemm arma tan-nar. L-involviment tagħha fil-każ kien li hija infurmat lill-Ispettur Ransley li kienu ġew arrestati xi nies in konnessjoni mal-hold-ups.

**L-Ispettur Kurt Zahra (Fol. 776)** xehed li fit-tnejn (2) ta' Marzu 2016 huwa kien patrol u għall-ħabta tad-disgħa u kwart ta' filgħaxija (09.15pm) ġie infurmat li kien seħħet serqa mill-ħanut Drinks and More li jinsab fi Triq in-Naxxar, San Ġwann. Huwa mar fuq il-post u tkellem ma' Philip Gatt. Dan infurmah li kienu insterqulu xu flus u sigaretti. Pero dak il-ħin ma kienx tah l-ammont eżatt.

**PC 1269 Louis Tabone (Fol. 778)** xehed li fid-19 ta' Frar 2016 huwa kien ġie infurmat li seħħet serqa minn Banka tal-Lottu fi Triq Mensija, San Ġwann. Huwa mar mill-ewwel fuq il-post fejn sab lil Joseph Cardona s-sid tal-banka. Dan infurmah li kien għadu kemm ġie misruq min persuna armata li talbitu l-flus kollha li kellu fuqu. Din kienet liebsa flok griż u kellha arma kulur chrome. L-ammont ta' flus li insterqu kienu madwar € 1,000.

**PS 157 Brian Mifsud (Fol. 780 et seq)** xehed dwar il-hold up li kien ġie rappurtat lill-Pulizija fis-6 ta' Jannar 2016 u li kien seħħ mill-ħanut The

Convenience Shop fi Triq il-Gżira, Gżira. Minn dan il-ħanut kienet insterqet is-somma ta' € 900. Is-serqa kienet twettqet minn żewġt rġiel, wieħed li kien liebes maskla bajda u l-ieħr maskla sewda. Intużat wkoll pistola griża. Ix-xhud xehed wkoll dwar il-hold-up li kien sar fil-11 ta' Frar 2016 mill-ħanut "Tal-Kantuniera Convenience Shop" fi Triq D'Argens, Gżira. Minn dan il-ħanut ġie rappurtat li insterqet is-somma ta' € 2,868. Il-persuni wara din is-serqa wkoll kienu żewġt rġiel. Wieħed minnhom kien ftit itwal mill-ieħor. It-tnejn kellhom wiċċhom mgħotti. Kienu lebsin track suits blu u hoody. Intużat wkoll arma ta' kulur silver.

**L-Ispettur James Grech** (Fol. 791 et seq) xehed li huwa kien involut fl-investigazzjonijiet dwar żewġ hold-ups li kienu saru. L-ewwel wieħed kien sar fis-6 ta' Jannar 2016 minn ġewwa l-Convenience Shop fi Triq il-Gżira meta fil-ħanut kien hemm l-impjegati Terry Wood u Sheldon Zammit. Spjega li dawn kienu waslu biex jagħlqu l-ħanut. Wood kienet fil-kamra ta' wara tal-Convenience Shop mentri Zammit kien wara l-cash. Għall-ħabta tal-għaxra neqsin għoxrin ta' filgħaxija daħlu tnejn min-nies fil-ħanut. Wieħed qabad u dawwar it-tabella biex jindika li l-ħanut kien għalaq u għalaq il-bieb. L-ieħor ipponta arma ta' lewn il-fidda lejn Zammit u qallu biex ipoġġilu l-flus fil-basket iswed li kienu qed iġorru. It-tnejn kellhom wicchom mgħammad u kienu lebsin hoodies. Huma serqu l-ammont ta' € 997.

Ix-xhud kompla jgħid li sussegwentement kienet saret serqa oħra mill-ħanut Tal-Kantuniera Convenience Store fi Triq il-Flotta, Gżira. Dan kien seħħ fil-11 ta' Frar 2016. Fil-ħin tas-serqa fil-ħanut kien hemm Carmel Catania. Il-persuni serqu l-ammont ta' € 2,868. L-aggressuri kienu tnejn:

wieħed twil madwar sitt piedi u l-ieħor aqsar minnu. It-tnejn kellhom wicchom mgħammad u kellhom hoodies. Catania kien qallu li kienu ippuntawlu arma ta' lewn il-fidda u talbuh il-flus. Catania għall-ewwel għadda l-muniti pero dawn talbuh il-karti. Huma u ħerġin Catania rnexxielu jimbotta lil wieħed minnhom u rnexxielu jaqilbu. Dan waqgħulu xi flus. Pero xorta rnexxielu jaħrab. L-Ispettur kellem wkoll lil Michael Tanti li inzerta kien għaddej bil-vettura x'ħin l-individwi ħarġu jiġru mill-ħanut. Dan qal li ra żewġ ġuvintur għaddejjin jiġru b'wicchom mgħammad u jżommu basket f'idejhom. Dawn rahom jirkbu ġo Fiat Punto Mark 2 ta' kulur iswed u saqu minn fuq il-post b'velocita qawwija. Ġew elevati xi CCTVs mill-akkwati li fihom dehret Fiat Punto. Pero peress li l-area kienet mudlama ħafna, ma kienx possibbli li wieħed jagħraf in-nies li kien hemm ġo fiha, il-kulur tal-vettura jew in-number plate.

**<u>PC 736 Martin Buttigieg</u>** (Fol. 800 et seq) xehed li fis-19 ta' Frar 2016 huwa kien xogħol l-Għassa ta' San Ġiljan. Huwa ġie infurmat mill-Control Room tal-Pulizija li kien għadu kemm seħħ hold up minn banka tal-Lottu fi Triq Mensija, San Ġwann. Hu mar mill-ewwel fuq il-post fejn bdew l-investigazzjonijiet. Il-vittma kien Joseph Mary Cardona. Cardona qallu li kien safa misruq minn wieħed liebes flokk griż bil-hoodie. Kien jitkellem bil-Malti u kien twil qisu ħames piedi u disa' pulzieri. Dan kellu maskla sewda jżommha f'idu u arma ta' kulur chrome.

**<u>PS 665 Robert Spiteri</u>** (Fol. 804 et seq) xehed li fis-19 ta' Frar 2016 huwa kien ġie infurmat li kienet seħħ hold-up minn Banka tal-Lottu fi Triq il-Mensija, San Ġwann. Huwa mar fuq il-post u sab lis-Surġent 1540 qed

jitkellem mal-vittma John Mary Cardona, li jaħdem fil-Banka tal-Lottu. Cardona spjega li l-persuna kienet twila ħames piedi u disa' pulzieri, kien liebes flokk griż bil-hoodie u kien jitkellem bil-Malti. Huwa ippuntalu arma tan-nar ta' kulur chrome u kien liebes maskla sewda. Dan kien ħarab għal Triq Sant' Indrija. Għalkemm ix-xhud u l-kollegi tiegħu marru jagħmlu tfittxija f'din it-triq, huma ma sabu xejn.

**<u>PC 516 John Pizzuto</u>** (Fol. 806) xehed li fil-11 ta' Frar 2016 huwa kien stazzjonat l-Għassa tas-Sliema. Huwa rcieva telefonata mill-Control Room tal-Pulizija li kienet seħħet serqa mill-ħanut Tal-Kantuniera Convenience Store fi Triq D'Argens, il-Gżira. Hu mar fuq il-post. Is-Surġent daħal fil-ħanut biex jieħu l-verzjoni ta' Carmel Catania u hu min-naħa tiegħu beda jdur l-akkwati minħabba CCTV cameras. Cameras kienu instabu.

**<u>PC 1111 Bradon Borg</u>** (Fol. 808) xehed li fit-2 ta' Marzu 2016 għall-ħabta tad-9.15pm il-Pulizija fl-Għassa ta' San Ġiljan ġew infurmati li kienet seħħet serqa mill-ħanut Drinks and More f'Naxxar Road, San Ġwann. Huwa wassal lill-kollegi tiegħu fuq il-post. Wara li ipparkja l-vettura huwa ingħata struzzjonijiet biex jara jekk fil-madwar kienx hemm CCTVs. Huwa sab waħda tal-kumpanija GO qegħda f'kantuniera u informa lis-superjuri tiegħu dwar dan. Huwa qagħad fuq il-post sakemm waslu l-esperti tal-Qorti u tal-forensika.

**<u>PC 1346 Stephen Cordina</u>** (Fol. 810) xehed li fit-2 ta' Marzu 2016 fid-09.10pm il-Pulizija fl-Għassa ta' San Ġiljan ġew infurmati li kienet seħħ hold-up mill-ħanut Drinks and More f' Naxxar Road, San Ġwann. Huma

marru fuq il-post fejn sabu lis-sales person kunjomha Sant. Hija spjegatilhom li kienu daħlu żewġ persuni fuqha u talbuha tiftaħ il-cash. Huma kienu mgħammdin lebsin maskra tas-suf u ippontaw revolver lejha.

Ix-xhud kompla jgħid li l-vittma qaltilhom li wieħed mill-ħallelin qalilha biex ma tibzax u tiftaħ il-cash. Huwa ipponta r-revolver lejha u bdew jieħdu l-flus minn ġol-cash. Wieħed minnhom ħa wkoll xi pakketti tas-sigaretti li kienu qegħdin wara l-vittma. Il-ħallelin imbagħad ħarġu mill-ħanut u telqu minn fuq il-post permezz ta' vettura tat-tip Fiat Punto.

**PC 1121 Matthew Muscat** (Fol. 812) xehed li nhar it-2 ta' Marzu 2016 huwa kien stazzjonat l-Għassa ta' San Giljan. Għall-ħabta tad-9.15pm daħlet telefonata li kien seħħ hold-up ġewwa Drinks and More fi Triq in-Naxxar, San Ġwann. Hu u l-kollegi tiegħu marru mill-ewwel fuq il-post u x-xhud ġie ordnat li joqgħod fixed point mal-bieb tal-ħanut.

**L-Ispettur Frank Anthony Tabone** (Fol. 818) ikkonferma r-rapport tal-inkjesta li huwa kien ħejja in konnessjoni ma' serqa li seħħet fis-6 ta' Jannar 2016 mill-Convenience Shop fi Triq il-Gżira, Gżira.

**L-Ispettur Trevor Micallef** (Fol. 820) ikkonferma r-rapport tal-inkjesta li huwa kien ħejja in konnessjoni ma' hold-up li kien seħħ fit-2 ta' Marzu 2016 mill-ħanut Drinks and More f'Naxxar Road, San Ġwann.

**PC 445 Adrian Bugeja** (Fol. 822) xehed li nhar is-6 ta' Jannar 2016 għall-ħabta tal-għaxra neqsin kwart ta' filgħaxija huwa kien ġie infurmat li seħħ

hold-up mill-Convenience Shop fil-Gżira. Huwa mar mill-ewwel fuq il-post. Mill-ewwel informazzjoni miġbura, irriżulta li kienu daħlu fil-ħanut żewġ persuni. Dawn kienu hooded u bil-maskli u kellhom pistola jew revolver kulur chrome.

**<u>PC 752 Justin Joseph Said</u>** (Fol. 824 et seq) xehed li fis-6 ta' Jannar 2016 għall-ħabta tal-għaxra neqsin kwart ta' filgħaxija (09.45pm) ġie infurmat li kienet għadha kemm seħħet serqa mill-ħanut The Convenience Shop il-Gżira. Żewġ persuni kienu daħlu fil-ħanut. Dawn kienu lebsin xi hoodies u maskli. Wieħed kellu maskla bajda u l-ieħor aktar skura. Kienet intużat wkoll xi arma. Hu flimkien mal-kollega tiegħu kienu ippruvaw jagħmlu tfittxija fl-akkwati. Pero din irriżultat fin-negattiv.

**<u>L-Ispettur Wayne Camilleri</u>** (Fol. 826 et seq) spjega li nhar is-6 ta' Jannar 2016 għall-ħabta tal-għaxra neqsin kwart ta' filgħaxija (09.45pm) kien ġie infurmat li seħħet serqa mill-Convenience Shop li qiegħed fi Triq il-Gżira, il-Gżira. Ix-xhud tkellem ma' Sheldon Zammit u Terry Wood li kienu qegħdin fil-ħanut. Zammit qalilhom li kien qed jieħu ħsieb il-cash x'ħin tnejn min-nies mgħammda b'ħood u lebsin maskla kienu daħlu fuqu u wieħed minnhom anke ipponta arma tan-nar u talbu l-flus. L-arma kienet pistola ta' lewn il-fidda. Il-persuna l-oħra li daħlet tisraq dawret it-tabella biex minn barra l-ħanut ikun jidher li kien magħluq. Wood qalet lix-xhud li hija dak il-ħin kienet fil-kamra ta' ġewwa. Pero rawha xorta u bdew jhedduha biex ma ċċempilx għall-assistenza. Iż-żewġ impjegati qalulu li x'aktarx kienu serqu € 900. Il-ħallelin kellhom wkoll basket iswed magħhom.

**PS 366 Frencesco Imbroll** (Fol. 820) xehed li fis-6 ta' Jannar 2016 huwa kien xogħol. Għall-ħabta tal-għaxra neqsin kwart ta' filgħaxija (09.45pm) kien ġie infurmat li kien seħħ hold-up ġewwa l-Convenience Shop l-Gżira. Hu mar fuq il-post u baqa' jistenna barra. Huwa kien assista wkoll lill-Ispettur Keith Arnaud biex jinġabru l-cameras li kien hemm fl-akkwati.

**Joseph Mallia** (Fol. 835 et seq) xehed li minn eżami komparattiv li għamel irriżulta li l-impronta li kienet tinsab fuq il-bieba tal-passiggier ta' quddiem tal-vettura minn barra kienet taqbel mas-saba' l-werrej tal-id ix-xellugija ta' Kane Grima kif wkoll l-impronta li instabet fuq il-magazine tal-arma kienet taqbel mas-saba' tac-curkett tal-id ix-xellugija tal-istess Kane Grima.

**Dr Martin Bajada** (Fol. 895) ippreżenta r-relazzjoni tiegħu rigward it-tlett telefones cellulari li ġew elevati mingħand l-imputati.

**PC 207 Thomas Pirotta** (Fol. 979 et seq) xehed li fis-6 ta' Jannar 2016 kien seħħ hold-up fil-Convenience Store, Gzira Road, Gzira. Hu kien mar fuq il-post flimkien mal-kollegi tiegħu peress li kien ix-xufier tad-distrett.

**L-Ispettur Keith Arnaud** (Fol. 985 et seq) xehed li fil-11 ta' Frar 2016 kien night patrol. Għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħaxija (10.00pm) kien infurmat li seħħ hold-up fil-Convenience Shop fi Gzira Road kantuniera ma' Triq ix-Xatt. Hu kien mar fuq il-post u tkellem mal-vittma tar-reat. Kien anke ikkoordina mal-Pulizija tal-mobile biex isiru patrols fl-inħawi. L-arma li kienet intużat kienet ta' kulur car.

**Dr Marisa Cassar** (Fol. 987) ippreżentat ir-rapport tagħha fejn hija xehdet li mill-kampjuni tad-DNA li ittieħed minn fuq sigarett irriżulta li kien hemm probabbilita li kien hemm profil genetiku ta' Kane Grima fuq l-istess sigarett. Għar-rigward il-kampjun tad-DNA li ittieħed mill-Balaclava fuq in-naħa ta' ġewwa tagħha kien hemm probabbilita li kien hemm il-profil ġenetiku ta' Kane Grima u Perrie Sciberras.

**Isabella Tanti** (Fol. 996 et seq) xehdet li fit-2 ta' Marzu 2016 hija daħlet tixtri mill-Convenience Shop bl-isem Drinks & More f'San Ġwann, Malta. Ftit wara bdiet tisma' lis-sales girl tal-ħanut tgħajjat. Għall-ewwel ma tatx każ iżda imbagħad rat tnejn (2) min-nies mgħammdin quddiem il-counter. Kienu lebsin kollox iswed. Wieħed minnhom kien armat u kellu pistola ta' lewn il-fidda. Hi kompliet tgħid li staħbiet wara l-ixkaffi. Ftit wara semgħet is-sales girl tistaqsi jekk hija kinitx għadha hemm. Ix-xhud ħarġet minn wara l-ixkaffi u cemplu lill-Pulizija. Is-sales girl ġabret wkoll xi flus mill-art.

**Manuel Piscopo** (Fol. 998 et seq) xehed li huwa wieħed mis-sidien tal-Convenience Shops. Hu kien ġie infurmat li xi ħadd daħal jisraq mill-ħanut tagħhom ta' San Ġwann u eventwalment anke f'dak tal-Msida li jinsab fi Triq il-Magna tas-Serrar. Huwa sempliciment kien tqabbad biex jagħmel analizi tal-affarijiet li kienu ġew meħudin kif wkoll biex jipprovdi r-recordings tal-camera.

**Christine Nemecek** (Fol. 1026 et seq) xehdet li hija kienet marret tixtri minn Convenience Shop f'San Ġwann. Hija qalet li dan kien seħħ fi Frar jew Marzu. Waqt li kienet qed tixtri kienu daħlu tnejn armati fil-ħanut.

Dawn kienu mgħammdin. Kellhom pistola. Hija bezgħet u staħbiet wara l-ixkaffi. Setgħet tisma' l-persuna wara l-cash tipprova titkellem. Imma ma setgħetx titkellem car għax kienet qed tibza'.

**Joseph Pace** (Fol. 1038 et seq) xehed li huwa kien għamel il-komputazzjoni tal-ammont li kien insteraq mill-ħanut. Il-komputazzjoni tac-cifri saret abbazi tal-istokk li kien hemm fil-ħanut u l-istokk li kien għad baqa'. B'hekk ħareġ l-ammont misruq.

**Dr Mark Mifsud Cutajar** (Fol. 1044 et seq) ipprezenta r-relazzjoni tiegħu in konnessjoni mas-serqa li kienet saret mill-ħanut The Convenience Shop li jinsab fi Triq l-Isqof Caruana, Msida, Malta, liema serqa kienet seħħet fit-8 ta' Marzu 2016.

**PC 149 Jesmond Abela** (Fol. 1068) ġie muri l-arma u l-magazine tagħha u ikkonferma li din kienet l-arma li kienet instabet fuq il-bankina fi Triq Victor Denaro.

**PC 913 Neil Pace** (Fol. 1069) ġie wkoll muri l-arma esebita fl-atti u ikkonferma li din kienet l-arma li huwa kien ra fuq il-post meta instabet.

**WPS 217 Alison Formosa** xehdet li hija għamlet verifiki mal-ufficjali tal-Armi dwar jekk Kane Grima hux licenzjat biex izomm xi armi u minn tali verifiki irrizulta li Grima ma jistax jġorr armi.

**WPC 363 Caroline Meilak** (Fol. 1086) xehdet li hija kienet ġiet imqabbda biex tagħmel xogħol ta' fotografija in konnessjoni ma' serqa li kienet seħħet mill-Banka tal-Lottu 174 fi Triq il-Mensija, San Ġwann.

**Stephen Cachia** (Fol 1096 et. seq.) xehed li huwa ġie mitlub jagħmel ricerka fuq zewġ vetturi waħda JBU 301 u oħra CBO 074. JBU 301 hija vettura tal-għamla Mazda Demio ta' kulur abjad u kienet reġistrata fuq isem Joyce Schembri. In-numru inbidel għal JBX 507 fit-tlieta (3) ta' Marzu 2016 peress li Schembri irrapportat lil Transport Malta li tilfet iz-zewġ number plates u għalhekk inħareġ numru ġdid.

Rigward in-numru CBO 074 dan kien jgħajjat lill-vettura Mitsubishi Carisma ta' kulur aħdar reġistrata fuq isem Zoie Nicole Horsewood. Din ġiet reġistrata f' Lulju 2014 u ġiet skrappjata f'Ottubru 2017.

**Joyce Schembri** (*Fol* 1127 et. seq.) xehdet li hija kellha vettura Mazda Demio bin-number plates JBU 301 u dawn kienu ġew misruqa. Is-serqa kienet saret filgħaxija waqt li l-vettura kienet ipparkjata f' Ta' Zwejt, San Gwann. Dwar din is-serqa hija kienet għamlet rapport fl-Għassa ta' San Ġiljan.

**L-Ispettur Trevor Micallef** (*Fol* 1141 et. seq.) xehed li fis-19 ta' Frar 2016 għall-ħabta tas-sebgħa neqsin ħamsa ta' filgħaxija (06.55pm) huwa kien ġie infurmat li kienet seħħet serqa minn banka tal-Lottu fi Triq il-Mensija, San Ġwann. Persuna kien allegatament waqaf ħdejn din il-banka tal-lottu. Dan kien liebes maskla u kellu arma tan-nar. Dan kien ħa l-ammont

ta' € 250 f'petty cash u ammont ieħor ta' € 771.50. Il-persuna li kien fil-banka tal-lottu fil-ħin tas-serqa kien John Mary Cardona.

**Zoe Nicole Horsewood** (*Fol* 1144 et. seq.) xehdet li fl-2015 hija kienet xogħol tas-Sliema u kienet ipparkjat il-vettura tagħha f'Manoel Island. Hija spiccat xogħol fit-tmienja ta' filgħaxija u sabet il-vettura bla number plates. Kien car li dawn insterqu għax it-tnejn kienu neqsin. Dwar dan hija għamlet rapport fl-Għassa tas-Sliema. Il-vettura tagħha kienet Mitsubishi Carisma ħadra u n-number plates kienu CBO 074. Xi jumejn wara hija cemplet għall-updates u ġiet infurmata li l-pjanci kienu instabu. Pero l-Pulizija kienet sejra izommhom minħabba l-fingerprints. Hija ġiet mitluba tagħmel sett ta' pjanci ġodda.

**Maria Caruana** (*Fol* 1166 et. seq.) xehdet in rapprezentanza tal-Caritas. Spjegat li Kane Grima kien daħal għall-programm tal-Caritas u kien kwazi wasal fil-fazi biex jerġa' jibda jaħdem ma' missieru. Kompliet tgħid li Kane kien beda l-programm fis-sbatax (17) ta' Frar 2020. Iddeskriviet lil Kane bħala bniedem ta' rispett. Kien juri rispett sew lejn is-superjuri tiegħu u anke lejn il-kollegi tiegħu. F'kull dipartiment li ħadem waqt li kien qed jagħmel il-programm, huwa ħadem bl-anqas supervizjoni u kellu attitudni tajba ħafna. Ix-xhud temmet tgħid li Kane Grima kien sejjer jiġi impjegat ma' missieru.

**Deborah Farrugia** (Fol. 1177 et seq) xehdet li hija l-ufficjal tal-probation li ġiet nominata sabiex tagħmel social inquiry report fuq Kane Grima. Ix-xhud spjegat li Kane kien qed jgħix ħajja stabbli. Hu kien qed jgħix għand in-nanna tas-sieħba tiegħu flimkien ma' binhom u bint is-sieħba tiegħu.

Kompliet tgħid li Kane Grima flimkien mas-sieħba tiegħu u uliedhom kienu dalwaqt se jmorru jgħixu f'appartament. Bħala xogħol huwa kien qiegħed jaħdem fin-negozju ta' missieru.

Ix-xhud kompliet tgħid li Kane Grima kellu l-vizzju tad-droga. Dam snin sakemm daħal il-programm. Pero fl-aħħar daħal il-programm u għamel progress konsiderevoli. Ix-xhud spjegat li Kane Grima kien qed izomm kuntatt regolari magħha u anke mal-Caritas. Ix-xhud insistiet li kien importanti li Kane jibqa' f'kuntatt mal-Caritas kif wkoll li jibqa jzomm l-impjieg tiegħu ħalli kemm jista' jkun jibda japprezza l-valur tal-flus u x'jiġifieri taħdem għalihom. B'hekk ma jerġax jaqbad it-triq tal-kriminalita u jkollu stabbilita f'ħajtu u fir-relazzjonijiet tiegħu.

**<u>Glen Grixti</u>** (Fol. 1206 et seq) xehed li huwa ġie nominat biex jagħmel social inquiry report fil-konfront ta' Josef Galea. Ix-xhud beda biex qal li huwa kien ilu jsegwi lil Josef Galea minn Marzu 2016. Josef jgħix mal-ġenituri tiegħu u għandu relazzjoni tajba magħhom. Huwa dejjem ikkoopera miegħu. Fil-passat kellu problema tal-abbuz tad-droga. Pero jidher li imbagħad ma baqax jabbuza minn sustanzi illeciti. L-uniku problema li irriskontra x-xhud kien li Josef qatt ma kellu xogħol regolarizzat. Għalkemm ricenti beda jaħdem ma' missieru, xorta dan ix-xogħol kien għadu mhux regolarizzat. Ix-xhud temm jgħid li huwa importanti li Josef Galea jagħmel sforz f'dan ir-rigward biex jkun anke indipendenti fejn għandhom x'jaqsmu finanzi.

**<u>Charisse Boffa</u>** (Fol. 1225 et seq) xehdet li hija ġiet imqabbda tagħmel social inquiry report fuq Perrie Sciberras. Hija kienet ilha issegwi lil Perrie

għal ħames snin. Minkejja li meta kien il-ħabs huwa kien qed jikkoopera u mexa ħafna 'l quddiem, wara li ħareġ mill-ħabs l-attendenza tiegħu għas-sessjonijiet fid-dipartiment tal-probation kienet inkonsistenti ħafna. Perrie kien dejjem qed iġib l-iskuza li għandu problema bid-dokumenti u li la darba l-pajjiz mhux qed jimxi sew miegħu fejn jidħlu d-dokumenti tiegħu huwa m'għandux għalfejn jattendi għas-sessjonijiet tal-probation. Ix-xhud kompliet tgħid li meta jattendi għal xi sessjoni l-attitudni tiegħu fil-konfront tagħha tkun waħda ferm negattiva.

Rigward l-uzu ta' sustanzi illeciti, ix-xhud qalet li Sciberras beda jagħmel uzu mill-cannabis ta' kwazi tlettax -il sena. Huwa ibati mill-kundizzjoni ta' juvenile arthritis u allura kien beda juza l-cannabis bħala self-medication. Huwa baqa' jagħmel dan l-uzu u f'Ottubru 2018 Dr Andrew Agius iccertifikah li seta' jagħmel uzu minn medicinal cannabis. Ix-xhud kompliet tgħid li Perrie għadu jagħmel uzu mill-cannabis. Rigward ix-xogħol, Sciberras ġieli għamel xi xogħol 'l hawn u 'l hemm. Pero minħabba n-nuqqas ta' dokumenti u anke l-kundizzjoni tiegħu, huwa aktar difficli biex jsib xogħol. Ix-xhud sostniet li Sciberras għandu bzonn għajnuna psikoloġika biex jibda jaħdem fuqu nniffsu u biex jitgħallem juza coping skills aktar pozittivi meta jiffaċċja sitwazzjonijiet li jiffrustrawh. Ix-xhud temmet tgħid li fir-rigward ta' supervizjoni min-naħa tad-dipartiment dan ma kienx qed jintlaħaq anke għaliex Sciberras huwa rezistenti ħafna.

- **<u>Fatti tal-Kaz</u>**

Il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:

Bejn is-sitta (6) ta' Jannar 2016 u t-tmienja (8) ta' Marzu 2016 seħħew ħames hold-ups differenti fl-inħawi tal-Msida, Gzira u San Ġwann:

(a) Fis-sitta (6) ta' Jannar 2016 seħħ hold-up minn ġewwa Convenience Store fi Triq il-Gzira, Gzira li minnu insteraq l-ammont ta' disa' mitt Ewro (€ 900) fi flus;

(b) Fil-ħdax (11) ta' Frar 2016 seħħ hold-up mill-ħanut bl-isem "Tal-Kantuniera", Triq Rue d'Argens, Gzira li minnu insterqu l-ammont ta' elfejn u erba mitt Ewro (€ 2,400) fi flus;

(c) Fid-dsatax (19) ta' Frar 2016 seħħ hold-up minn Banka tal-Lottu fi Triq il-Mensija, San Ġwann, Malta li minnha insterqu l-ammont ta' elf u għoxrin Ewro (€ 1,020) fi flus;

(d) Fit-tnejn (2) ta' Marzu 2016 seħħ hold-up mill-ħanut "Drinks and More" fi Triq Vjal ir-Rihan, San Ġwann, Malta li minnu insteraq l-ammont ta' elf, erba' mija u ħamsin Ewro (€ 1,450) fi flus u diversi pakketti ta' sigaretti;

(e) Fit-tmienja (8) ta' Marzu 2016 seħħ hold-up mill-ħanut The Convenience Store, fi Triq l-Isqof Caruana, Msida, Malta li minnu

insterqu elf u ħames mitt Ewro (€ 1,500) fi flus flimkien ma' top-up cards tal-mobile;

Il-hold-ups kienu qegħdin isiru bl-istess modalita: persuna jew persuni kienu jidħlu fil-ħanut b'wicchom mgħammad u jitolbu l-flus lill-kaxxier jew is-sales person li jinzerta jkun hemm fil-ħanut dak il-ħin. Matul il-hold-ups kollha sar uzu minn arma tan-nar ta' lewn il-fidda. Il-persuni li kienu qegħdin iwettqu dawn il-hold-ups kienu dejjem qegħdin jkunu bl-istess lbies u kienu qegħdin jagħmlu uzu minn vettura tat-tip Fiat Punto bil-fanali tagħha ta' wara li kienu ġejjin għall-ponta.

Nhar is-sittax (16) ta' Marzu 2016 waqt li l-Pulizija kienu qegħdin fuq ronda fl-inħawi tal-Msida fejn kien hemm convenience stores fil-vicinanzi, huma raw vettura tat-tip Fiat Punto qed taġixxi b'mod suspettuz. Minn verifiki li għamlu dak il-ħin rrizulta li l-pjanci tal-vettura kienu qegħdin jgħajtu lill-vettura tat-tip Mitsubishi u mhux lil Fiat Punto. L-individwi li kienu fil-vettura precizament Kane Grima u Perrie Daniel Amrani Sciberras ġew imwaqqfa mill-Pulizija u ġew arrestati. Ftit lil hinn minn fejn ġiet parkeġġjata l-vettura, instabet arma tan-nar tal-lewn il-fidda u anke basket li kien fih xi ingwanti u anke balaklava. Mill-investigazzjonijiet li saru, il-Pulizija waslu wkoll għal Josef Galea.

**Ikkunsidrat:**

- **<u>Kunsiderazzjonijiet Legali Applikabbli għall-Kaz</u>**

Kif kellha l-opportunita din il-Qorti tesprimi kemm -il darba l-piz tal-prova jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni. Hija l-Prosekuzzjoni li trid iggib l-ahjar prova – precizament prova lil hinn minn kull dubju dettat bir-raguni – sabiex l-istess Prosekuzzjoni issostni u tirnexxi fil-kaz taghha. L-imputat m'huwa tenut jipprova xejn.

Hafna drabi ma jkunx possibbli li jingabu provi diretti tal-akkadut. In-nuqqas ta' tali provi pero m'ghandux necessarjament iwassal ghal liberatorja tal-imputat. Il-Qorti xorta tista' tistrieh fuq provi li jkunu cirkustanzjali ghall-sejbien ta' htija basta li l-istess provi cirkustanzjali jkunu jippuntaw lejn konkluzjoni wahda.

Lord Hewart C.J. fil-kaz **Taylor, Weaver and Donovan** jiddefinixxi l-provi cirkustanzjali bhala: *"evidence of surrounding circumstances which, by undesigned coincidence, is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*[2] Hafna drabi l-provi cirkustanzjali jkunu l-ahjar prova li wiehed jista' jottjeni ghaliex il-kriminal li jkun irid iwettaq delitt se jara biex kemm jista' jkun jevita li jkun hemm provi diretti u cari tal-agir tieghu. Ghalhekk kif jghid l-istess Lord Hewart fil-kaz sucitat *"It is no derogation of evidence to say that it is circumstantial."*

[2] 21, Cr. App.R.20, CCA at 21

Huwa *sina qua non* (u dan tenut kont wkoll tan-natura ta' tali prova) li tali prova cirkustanzjali trid tigi ezaminata u miflija bir-reqqa biex wiehed ikun jista' jistrieh fuqha ghal sejbien ta' htija. Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deciza fil-5 ta' Lulju 2002

*"Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzjoni wahda . . . . biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit tal-univocita taghha, cioe li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu, w, allura kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skont il-ligi."*

Huwa ghalhekk li Lord Normand fil-kaz **Teper v. R** jikkumenta b'rabta mal-prova cirkustanzjali li: *"It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another . . . . It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*[3]

- ***L-Involviment tal-Imputati fil-Hold-Ups li Saru***

Din il-Qorti fliet metikolozament il-provi li nġabru quddiemha. L-ewwel ħaġa li hija sejra tikkunsidra huwa l-involviment tal-imputat Josef Galea

[3] [1952] A.C. 480, PC at 489

fil-kaz odjern. Minn ezami tal-atti proċesswali jirrizulta li l-unika prova li hemm fl-atti li tista' torbot lil Josef Galea mas-serqiet li seħħew hija d-dikjarazzjoni li għamel l-imputat Perrie Daniel Amarni Sciberras fl-istqarrija tiegħu lill-Pulizija. Infatti l-arrest ta' Galea sar wara din l-istqarrija għaliex Galea ma kienx maż-żewġ imputati l-oħra fil-mument li sar l-arrest tagħhom. Din l-istqarrija pero bl-ebda mod ma tista tagħmel stat fil-konfront ta' Josef Galea u dan principalment abbażi tal-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali li jagħmilha cara li: *"Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha,u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra."*

Apparti minn hekk l-artikolu 658 huwa pjuttost ċar fir-regoli li jistabbilixxi dwar meta u fejn stqarrija ta' ko-akkużat hija ammissibbli bħala prova favur jew kontra ko-akkużat ieħor, u f'liema kontest ko-akkużat jista' jixhed fil-konfront ta' ko-akkużat ieħor.

Dak enunċjat fl-Artikolu 636(a) u (b) tal-Kodiċi Kriminali, u anke minn ġurisprudenza tal-Qrati tagħna juru fejn ix-xhieda tal-ko-akkużat ma tikkostitwixxi ebda prova, la kontra u lanqas favur l-akkużat jew lakkużati l-oħra, u b'hekk mhux ammissibbli bħala tali.

Din ir-regola hija desunta *a contrario sensu* minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) tal-artikolu 636, fis-sens li l-ko-akkużat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkużat, biss wara illi l-każ fil-konfront tiegħu ikun ġie definittavament deċiż.

Il-Qrati tagħna kellhom l-opportunità li jippronunzjaw ruħhom fuq dan il-prinċipju f'diversi każijiet **fosthom Sua Maesta r-Re vs Carmeo Cutajar**

**ed altri,. Qorti Kriminali 18 ta' Jannar, 1927; Il-Pulizija vs Toni Pisani Appell Kriminali 11 ta' Novembru, 1944; Il-Maesta tiegħu r-Re vs Karmenu Vella, Qorti Kriminali 3 ta' Dicembru, 1947; The Police vs Alfred W. Luck et, Appell Kriminali 25 ta' April, 1949; Ir-Repubblika ta' Malta vs Faustino Barbara, Appell Kriminali 19 ta' Jannar, 1996; Il-Pulizija vs Nasher Eshtewi Be Hag et, Appell Kriminali 2 ta' Frar, 1996; Il-Pulizija vs Carmelo Camilleri u Theresa Agius, Appell Kriminali 11 ta' Lulju, 1997, u r-Repubblika ta' malta vs Domenic Zammit et Appell 11 Kriminali 31 ta' Lulju, 1998, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ian Farrugia, Qorti Kriminali Digriet Datat 22 ta' Dicembru, 1998.**

Din ir-regola giet interpretata u estiza mill-gurisprudenza biex anki tkopri kazijiet fejn persuni li jkunu akkuzati bl-istess reat imma fi proceduri separati ma jkunux meqjusa bhala xhieda kompetenti u producibbli kontro ko-akkuzati jew ko-imputati ohrajn, hlief meta l-process tax-xhud ikun gie deciz definittivament.[4]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Omissis u Saada Sammut**"[5] spjegat li: *"Hekk di fatti kien gie ritenut mill-Qorti Kriminali b'Digriet tat-22 ta' Dicembru, 1998 fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia". Dik il-Qorti, f'dak id-Digriet, wara li ghamlet riferenza ghall- gurisprudenza hemm citata, rriteniet li persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala koawtur,bl-istess reat migjub kontra dak l-akkuzat liehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat liehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija*

[4] "Il-Pulizija vs Joseph Grech et." deciza nhar id-19 ta' Ottubru, 2016 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Onor. Mag. Dr. N. Camilleri.
[5] Deciza nhar is-16 ta' Novembru, 2006 per Onor. Imhallef J. Galea Debono.

*jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b' mod li jkun hemm "koakkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sija jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu l-argument "a contrario sensu" li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement dik il-Qorti kienet iddecidiet li dak ix-xhud li kien akkuzat bhala ko-awtur bl-istess reat li bih l-akkuzat kien jinsab akkuzat, ma hux kompetenti li jixhed, qabel ma l-kaz tieghu jghaddi in gudikat. (Ara ukoll fl-istess sens Digriet tal-Qorti Kriminali fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Brian Vella" [4.2.2004] u ohrajn.) L-unika eccezzjoni ghal dir-regola hi proprju dik kontenuta fl-art. 636 (b) li tirrendi tali xhud kompetenti biex jixhed ghalkemm ikun imputat tal-istess reat li fuqu tkun mehtiega x-xhieda tieghu, meta l-Gvern ikun weghdu jew tah l-impunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed."*

Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghad-digriet imsemmi fid-decizjoni appena kwotata liema digriet inghata fit-22 ta' Dicembru 1998 fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia", fejn il-Qorti Kriminali qalet hekk:

*"Il-gurisprudenza hi cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, blistess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi procedure separat.*

**Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-segwenti decizjonijiet: R. v. Filippo Pace, Qorti Kriminali, 14/11/1890, Kollezz. Deciz. XII.531l; P. v. Toni Pisani App. Krim., 11/11/1944, Kollezz. Deciz. XXXII.iv.792; R. v. Karmnu Vella, Qorti Kriminali, 3/12/47, Kollezz. Deciz. XXXIII.iv.547; P. v. Alfred W. Luck et., App. Krim., 25/4/1949, Kollezz. Deciz. XXXIII.iv.870, u Rep. v. Domenic Zammit et, Qorti Kriminali, 15/12/1997 kif integrata bid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-istess ismijiet tal-31/7/1998.**

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Zammit et."[6] stqarret li:

*"Kwantu ghal dawk ix-xhieda li qed jintalbu mill-ko-akkuzati, il-gurisprudenza, ibbazata kemm fuq il-ligi kif ukoll fuq ilbuon sens, hi cara. Persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik ilpersuna tkun akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkuzat" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun giet akkuzata fi proceduri separati. Fi kliem ilkompjant Imhallef William Harding:*

*"Maltese law, in fact, in section 632, Chapter 12 (Illum 636; Kap. 9), considers as incompetent to give evidence (except of course, on his own behalf) anyone charged with the same offence in respect of which his deposition is required, unless the proceedings against him are put an end to. Maltese law does not make any*

[6] 15/12/1997 kif integrata bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-istess ismijiet tal-31/07/1998.

*distinction as to whether the evidence of the codefendant is required by the prosecution or by another defendant.*

*Il-Qorti taghmel referenza għad-digriet datat 4 ta' Frar, 2004, fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs Brian Vella.*[7] *Permezz ta' dan id-digriet, il-Qorti Kriminali ordnat illi l-ġuri ta' Brian Vella jiġi xolt, u dan a bażi tal-fatt illi x-xhud Domenic Bonnici, illi kien akkużat bl-istess reati bħall-akkużat, kien għadu ma għaddiex proċeduri, u għalhekk mhux xhud ammissibbli, kontra jew favur l-akkużat ai termini tal-Kodiċi Kriminali: "persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala koawtur, bl-istess reat migjub kontra l-akkuzat l-iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik ilpersuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor b'mod li jkun hemm ko-akkuzati fil-veru sens tal-kelma u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati'.*

Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Carmelo Camilleri u Theresa Agius tal-Imħallef Vincent DeGaetano tal-11 ta' Lulju, 1997:

*"Hu prinċipju elementari tad-dritt ta' proċedura penali tagħna li dak li jistqarr ko-akkużat, sia jekk bil-fomm biss u sia jekk bil-miktub, ma jagħmilx prova la favur u anqas kontra ko-akkużat ieħor. Dan il-prinċipju jitnissel kemm mill-Artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll mill-Artikolu 636 (b) tal-imsemmi Kodiċi. Infatti l-ġurisprudenza tagħna rrikonoxxiet ukoll l-inammissibilità tax-xhieda tal-ko-akkużat kemm-il darba l-każ tiegħu ma jkunx ġie definittivament konkluż".*

[7] 4/2004

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u fin-nuqqas ta' provi li jorbtu lil Josef Galea mal-akkadut għajr għall-istqarrija ta' Sciberras, il-Prosekuzzjoni kellha titlob is-separazzjoni tal-ġudizzju in kwantu jirrigwarda l-imputat Perrie Daniel Amarni Sciberras, tara li l-proceduri kontra Sciberras jiġu konklużi b'mod definittiv u imbagħad tressaq lill-istess Sciberras bħala xhud fil-proceduri kontra Galea. Dan pero ma sarx.

Għajr għad-dikjarazzjoni ta' Sciberras – li kif ingħad hija inammissibbli – l-atti ma jikkontjenu l-ebda prova oħra (bħal DNA jew fingerprints) li b'xi mod jorbtu lill-imputat Josef Galea mal-akkadut. Id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha li l-istatura ta' Galea tixbah lil dik tal-malviventi li dehru fil-filmati waqt is-serqiet u d-dikjarazzjoni ta' Catania li l-persuna li imbotta kien ħafifa ma jistgħux jitqiesu li huma prova li tissodisfa l-grad ta' prova rikjest fil-proceduri penali. Pjuttost id-dikjarazzjoni ta' Catania idaħħal aktar dubji għaliex Catania jgħid li ġieh dubju l-persuna kienx raġel jew mara. Fic-cirkostanzi għalhekk din il-Qorti ma tistax tasal sabiex tikkundanna lill-istess Galea. Għalhekk l-imputat Josef Galea sejjer jiġi liberat mill-akkużi kollha li ġew dedotti fil-konfront tiegħu.
Mhux l-istess jista' jingħad pero għall-imputati Perrie Daniel Amarni Sciberras u Kane Grima. Il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova li dawn iz-zewġ imputati kienu involuti fid-diversi serqiet li huma mertu ta' dan il-kaz. Il-Qorti waslet għal din il-konkluzjoni abbazi tas-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(a) Fir-rigward ta' Perrie Daniel Amarni Sciberras hemm qabel xejn l-ammissjoni tiegħu fl-istqarrija li huwa ta lill-Pulizija dwar l-

involviment tiegħu fid-diversi kazijiet li seħħew. Din l-istqarrija ittieħdet wara li l-imputat Sciberras kien ingħata d-drittijiet kollha tiegħu. Minn ezami wkoll tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-istess imputat, jidher li l-imputat ikkonferma l-involviment tiegħu fid-diversi serqiet li ġew addebitati lilu. Infatti d-difiza tenfasizza ħafna fuq il-fatt li l-imputat ikkoopera bis-sħiħ mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet li saru minnhom in konnessjoni mad-diversi hold-ups u li dan il-punt għandu jittieħed in kunsiderazzjoni għall-fini ta' kalibrar tal-piena;

(b) Fil-hold-ups li saru dejjem intużat pistola ta' lewn il-fidda, liema pistola ġiet identifikata mill-vittmi kollha tas-serq. Din il-pistola instabet fil-vicinanzi fejn ġew arrestati Kane Grima u Perrie Daniel Amarni u fuq il-magazine tal-arma instabu anke l-marki tas-swaba ta' Kane Grima.

(c) Qrib wkoll fejn ġew arrestati l-istess imputati instabu wkoll xi balaklavi, liema balaklavi kellhom l-profil ġenetiku ta' Kane Grima u Perrie Daniel Amarni Sciberras. Il-fatt li dawn il-balaklavi kif wkoll l-arma ma instabux fil-vettura tal-imputati iżda instabu mormija fl-akkwati fejn ġew arrestati ftit lil hin minn fejn ġiet parkeġġjata l-vettura tagħhom, hija indikazzjoni cara li ż-żewġ imputati ma ridux li l-Pulizija isibu dawn il-balaklavi kif wkoll l-arma fil-vettura jew fuq il-persuna tagħhom. Fis-serqiet kollha mingħajr l-ebda eccezzjoni l-malviventi dejjem kienu mgħammdin.

(d) L-arrest tal-imputati seħħ qrib convenience stores. Iz-zewġ imputati kienu qegħdin jaġixxu b'mod suspettuż ferm, anke in vista tal-manuvra li huma għamlu biex vettura tal-Pulizija iħalluha tgħaddi qabilhom. Infatti kien l-aġir suspettuz tal-imputati infushom li ġibed l-attenzjoni tal-Pulizija li kienu qegħdin on patrol u li wassal sabiex l-istess Pulizija indunaw bil-pjanci foloz tal-vettura li kienu qegħdin juzaw.

(e) Fil-mument tal-arrest, Grima u Sciberras kienu qegħdin jagħmlu użu minn vettura tal-marka Fiat Punto li kellha l-fanali ta' wara bix-xewka. Din l-istess vettura ġiet identifikata bħala l-vettura li intużat f'xi wħud mis-serqiet li qegħdin jiġu addebitati lill-imputati. Infatti jirriżulta li din il-vettura intużat fis-serqa li saret mill-ħanut "Tal-Kantuniera Convenience Store" fi Triq d'Argens, Gzira fil-ħdax (11) ta' Frar 2016, dik li seħħet fit-tnejn (2) ta' Marzu 2016 mill-istabbiliment Drinks and More fi Vjal ir-Rihan, San Ġwann u dik tat-tmienja (8) ta' Marzu 2016 mill-istabbiliment "The Convenience Shop" fi Triq l-Isqof F.S. Caruana, Msida;

(f) Fis-serqa li seħħet fit-tnejn (2) ta' Marzu 2016 intuza wkoll mutur tal-marka Piaggio Typhoo sabiex tnejn mill-malviventi ħarbu minn fuq il-post. Mutur simili bħalu instab f'garaxx fir-residenza ta' Kane Grima;

(g) Apparti minn hekk l-istess vettura kellha pjanci foloz li kienu imwaħħlin b'double sided tape. Dan id-double sided tape instab wkoll fil-vettura. In-number plates CBO 074 li instabu fuq l-istess

vettura Fiat (liema number plates ma kinux ta' dik il-vettura) irrizulta li kienu għadhom kif insterqu ftit ħin aktar qabel. Il-vettura Fiat Punto irriżulta li kienet tan-nannu tal-imputat Perrie Sciberras u l-istess Sciberras kellu access għaliha kif sewwasew ammetta huwa stess;

(h) Kane Grima ġie arrestat waqt li kien liebes ħwejjeġ li kienu identici għal dawk li kienu jidhru fil-filmati minn cameras tas-sigurta tal-ħwienet li kienu ġew misruqa precedentement. Dawn il-ħwejjeġ kellhom marki distintivi li dehru fil-filmati tas-CCTV minn fejn seħħew is-serqiet;

(i) Fil-post fejn ix-xhieda indikaw li kienet qed tistenna l-vettura tal-marka Fiat Punto dakinhar tat-tmienja (8) ta' Marzu 2016 meta saret is-serqa mill-ħanut The Convenience Store fi Triq l-Isqof Caruana, Msida, Malta instab sigarett li kien fih id-DNA ta' Kane Grima;

(j) Iz-zewġ imputati għandhom problema ta' droga. Fil-kaz ta' Kane Grima anke instabet l-kokajina fid-dar tar-residenza tiegħu. Għalhekk it-tnejn li huma kellhom bzonn ammont sostanzjali ta' flus biex isostnu l-vizzju tagħhom, aktar u aktar meta wieħed iqis li ħadd minnhom ma jidher li kellu impjieg stabbli;

Il-Prosekuzzjoni ġabet wkoll il-provi li jikkonfermaw kif is-serqiet kollha kienu kwalifikati bil-ħin, bil-vjolenza u l-valur: (a) bil-ħin għaliex kollha saru wara nżul ix-xemx, fil-ħinijiet ta' tard filgħaxija waqt ix-xhur tax-xitwa; (b) bil-vjolenza għaliex fis-serqiet kollha saret uzu minn arma tan-

nar. Fil-kaz tas-serqa mill-istabbiliment Drinks and More, il-ħallelin kienu aktar minn tnejn; (c) bil-valur għaliex fil-kazijiet kollha l-ammont misruq kien jeccedi l-ammont ta' €232.94.

- L***-Imputazzjonijiet taħt l-Artikolu 86***

L-imputazzjoni taħt l-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali wkoll tirrizulta ippruvata. L-artikolu 86 jattribwixxi sanzjonijiet penali lil min minn barra l-kazijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna. Il-Professur Sir Anthony Mamo fin-noti tieghu jaghmel riferenza ghall-awtur Roberti li jghid: *"Il reato preveduto nell'articolo 169" (illum l-artikolu 86) "esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro."*

Francesco Antolisei jkompli jghid: *"E` necessario, peraltro, che la perdita della liberta` si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo."* Mamo jaghmel referenza ghall-gurisprudenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni: *"In questo senso Cass. 16 giugno 1950, in Giust. pen. 1951, II, 73, 78. Contra Cass. 14 febbraio 1958, in Giust. pen. 1958, II, 1098, secondo cui sarebbe irrilevante la durata della limitazione alla liberta` del soggetto passivo. Con la sentenza 14 gennaio 1961, in Mass. pen. 1961, m. 388, la Corte di Cassazione ha precisato che la privazione della liberta` di movimento del soggetto passivo deve perdurare "per un apprezzabile lasso di tempo, anche brevissimo", cosi che non sarebbe rilevante solo se "momentanea e fugace".*[8]

[8] *Roberti, Corso Completo, para. 323 kif citat f'Notes on Criminal Law, Vol. II, Prof. Sir Anthony Mamo p. 35.*

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li kienet osservat il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Keith Camilleri</u>** (Appell Numru 178/2010) fejn qieset li z-zamma ta' persuna sakemm saret serqa li damet mhux aktar minn minuta ma kinitx zamma fugaci u li ghalhekk setghet tinstab htija fl-artikolu 86. Infatti l-Qorti kienet qalet hekk: *"L-ewwel Qorti dehrilha li l-mument li fih sehhet is-serqa in kwistjoni kien fugaci. L-appellant Avukat Generali jsostni l-kuntrarju. Wara li din il-Qorti ezaminat l-atti, ikollha tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali. Joan Zarb Adami xehdet li l-incident gara "f'sekondi. Ma nahsibx li kienet skorriet minuta." Fil-fatt ma jista' jkun hemm ebda dubju li l-incident ha aktar min sekonda, tnejn, sakemm l-appellat fetah il-bieba tax-xufier tat-truck u sprejjalu l-pepper spray go wiccu, u sadattant persuna ohra kisser hgiega tal-bieba l-ohra u seraq il-pouch bil-flus li kellu x-xufier fuq is-seat tal-passiggier. Ghalhekk, ghalkemm wiehed jista' jitkellem dwar "tempo brevissimo", dan kien iktar minn mument "fugaci". Ghalhekk ewwel Qorti kellha ssib htija anke dwar din l-imputazzjoni."*

Mill-provi prodotti l-imputati Grima u Sciberras zammew diversi persuni kontra l-volonta tagħhom waqt li kienu qegħdin jikkomettu d-diversi serqiet: lil Pamela Sant fil-kaz tal-ħanut Drinks and More, lil Jurgen Slowe, Brandon Caruana u Miguel Vella fil-kaz tas-serqa li seħħet mill-ħanut The Convenience Shop fi Triq l-Isqof F. Caruana, Msida, lil Carmel Catania fil-kaz tal-ħanut "Tal-Kantuniera Convenience Store", lil Sheldon Zammit u lil Terry Wood fil-kaz tal-"The Convenience Shop" fi Triq il-Gzira, Gzira u lil Joseph Mary Cardona fil-kaz tal-banka tal-Lottu f' San Ġwann. Huwa minnu li s-serqiet ma ħadux aktar minn ftit minuti; pero fl-ebda kaz ma jista' jitqies li z-zamma kienet waħda fugaci u l-insenjatament tal-Qorti fil-kawza Il-Pulizija vs Keith Camilleri isib

applikabbilita fit-totalita tiegħu għall-kaz in dizamina. Għalhekk l-imputazzjonijiet li ingħataw taħt l-artikolu 86 jirrizultaw kollha.

- ***Ir-Reat Ta' Riċettazzjoni***

Kif sostniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Il-Pulizija vs Kenneth Ian Azzopardi** deciz fit-23 ta' Ottubru 2018, sabiex jirrizulta r-reat ta' riċettazzjoni jeħtieġ li jiġu sodisfatti tlett elementi: (a) Il-provenjenza illeġittima tal-oġġett in kwistjoni ossia li jkun insteraq jew ġie meħud b'qerq jew akkwistat b'reat ieħor; (b) l-akkużat irid ikun laqa' għandu jew xtara tali oġġett li għandu provenjenza illeġittima u (3) fil-mument tal-akkwist, l-akkużat kien jaf bil-provenjenza illeġittima tal-oġġett in kwistjoni. M'hemmx dubju li dawn it-tlett elementi jinsabu pienament sodisfatti. Iz-zewġ imputati Grima u Sciberras kienu jafu bil-provenjenza illeġġittima tal-flus, is-sigaretti u t-top up cards għaliex kienu serquhom huma stess u laqgħu għandhom l-istess oġġetti misruqa. Din l-imputazzjoni għalhekk tirrizulta wkoll u jista' jingħad li hija kompriza u involuta fir-reati tas-serq li tagħhom iz-zewġ imputati Grima u Sciberras sejjer jinstabu ħajta.

- ***Ir-Reat tal-Assocjazzjoni***

Tlieta huma l-elementi tar-reat ta' assocjazzjoni: (a) ftehim bejn tnejn min-nies jew aktar biex jitwettaq reat; (b) ftehim fuq is-sura ta' azzjoni li għandha tittieħed bl-iskop li jitwettaq ir-reat; (c) l-intenzjoni komuni tal-partecipanti li jwettqu dan ir-reat li jkunu ftehmu dwaru. Minn ezami tal-fatt partikolari tal-kaz, m'hemmx dubju li l-imputati Sciberras u Grima

flimkien ma' malvivent ieħor assocjaw ruħhom biex iwettqu dawn is-sensiela ta' hold-ups. Il-hold-ups kienu qegħdin isiru minn ħwienet partikolari, fil-ħin li l-ħwienet jkunu waslu biex jagħlqu u kienu dejjem qed isiru bl-istess modalita precizament bl-uzu ta' arma tan-nar. Kull wieħed mill-partecipanti kellu rwol: min kien jidħol ġewwa u min kien joqgħod jistenna fil-karozza. Skont kif anke indika Sciberras fl-istqarrija tiegħu, il-postijiet kienu jiġu identifikati minn qabel u ġieli anke marru fuq il-post qabel biex jippjnaw is-serqiet. Dan kollu jindika element ta' organizzazzjoni u ippjanar; xejn ma sar b'kumbinazzjoni jew kif jgħidu l-inglizi *on the spur of the moment*. Dan ir-reat għalhekk jirrizulta wkoll.

- ***Is-Serq tal-Pjanci***

Fir-rigward tas-serq tal-pjanci tal-vetturi JBU 301 u CBO 074 ma inġabux provi li dawn insterqu mill-imputati Grima u Sciberras. Fil-kaz tas-sett pjanci JBO 301 mill-provi ma irrizultax li lill-vettura Fiat Punto twaħħlulha f'xi ħin dawn il-pjanci. Għar-rigward is-sett pjanci CBO 074, dawn twaħħlu fuq il-vettura Fiat Punto. Infatti l-Pulizija sabuha b'dawn il-pjanci fil-mument li waqqfu lil Sciberras u Grima fis-sittax (16) ta' Marzu 2016. Ir-reat tas-serq ma jirrizultax; imma definittivament jirrizulta r-reat tar-ricettazzjoni li wkoll ġie indikat fin-nota ta' rinviju ta' ġudizzju tal-Avukat Ġenerali u li tiegħu wkoll l-imputati Grima u Sciberras sejrin jinstabu ħatja.

- ***Ir-Reati Marbuta mal-Arma tan-Nar***

B'referenza għall-erbatax (14) imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni ma nġabitx prova li l-imputat Kane Grima effettivament kien seraq il-pistola li kien qiegħed jagħmel uzu minnha. L-unika prova li ingabet huwa li Kane Grima ma kellu l-ebda licenzja biex izomm xi arma tan-nar. Għalhekk l-imputazzjonijiet numri ħmistax (15), sittax (16) u sbatax (17) jirrizultaw ippruvati.

Huwa minnu li l-arma tan-nar li intużat waqt il-hold-ups ma setgħetx tispara tiri in vista tal-fatt li ma kellhiex firing pin. Dan hekk kif xehed PS 602 Jonathan Attard. Il-fatt pero li l-arma ma setgħetx tispara ma jneħħilihiex il-kwalifika ta' arma tan-nar li hija rikjesta għall-sejbien ta' ħtija fl-artikoli indikati mill-Avukati Ġenerali. Din il-Qorti tagħmel riferenza għad-definizzjoni ta' arma tan-nar mogħtija fl-istess Kap 480 fejn il-leġislatur jiddefinixxi bħala arma tan-nar *"kwalunkwe arma bil-kanna li tista' tinġarr li tispara, li hija mfassla biex tispara* ***jew li tista' tiġi konvertita biex tispara tir****, balla jew projettili permezz tal-azzjoni ta'propellant kombustibbli, sakemm ma tkunx taqa' taħt l-Iskeda III partiti 1, 3 jew 4."* (Enfażi tal-Qorti). L-arma in kwistjoni ma setgħetx titqies li hija arma diżattivata għar-raġuni li ma kellhiex firing pin. Dan għaliex il-mekkaniżmu kollu l-ieħor tal-pistola kien funzjonanti kif sewwasew ikkonferma l-istess PS 602 Jonathan Attard. Għalhekk bl-introduzzjoni tal-firing pin, din l-arma setgħet tiġi konvertita biex tispara u għalhekk tammonta għall-arma tan-nar hekk kif definita mil-leġislatur.

- ***<u>Ir-Reat Bazat fuq l-Artikolu 287</u>***

Rigward it-tmintax (18) -il imputazzjoni din hija bazata fuq l-artikolu 287 tal-Kodici Kriminali li jistabilixxi li: *"Kull min, wara li jkun ġie ikkundannat f'Malta għal serq,jew għal riċettazzjoni, jinsab fil-pussess ta' frottijiet, xtieli, jew prodotti oħra tar-raba' jew tal-ġonna, jew ta' flus, jew ta' oġġetti oħra, li ma jkunux tal-kondizzjoni tiegħu, mingħajr ma jagħti kont sodisfaċenti ta' kif ikunu ġew leġittimament għandu; inkella jinsabu għandu mfietaħ, imqabblin jew iffalsifikati, jew għodod oħra tajbin għal ftuħ jew sgassar ta' serraturi, jew jinsabu għandu forom ta' serraturi, mingħajr ma jagħti kont sodisfaċenti għal liemaskop leġittimu jinsabu għandu f'dak iż-żmien, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur."*

Il-Prosekuzzjoni jidher li tat din l-imputazzjoni għaliex fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' April 2012 l-imputat Grima kien instab ħati tar-reat ta' serq u fil-mument tal-arrest tiegħu vicin l-vettura li kien fiha Grima instabet balaklava li kienet qed tintuza mill-imputat Grima. Infatti fiha kienu anke instabu tracci tad-DNA tiegħu. Madanakollu din il-Qorti ma tqisx li din l-imputazzjoni tista' tirrizulta. Il-leġislatur jitkellem f'dan l-artikolu dwar pussess ta' *"għodod oħra tajbin għal ftuħ jew sgassar ta' serraturi, jew jinsabu għandu forom ta' serraturi"*. Bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista jingħad li balaklava hija għodda tajba għall-isgass jew ftuħ jew inkella tammonta għal xi forma ta' serratura!

- ***Kunsiderazzjonijiet dwar Piena***

Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-piena li għandha tiġi inflitta lill-imputati Kane Grima u Perrie Daniel Amarni Sciberras u ddecidiet li tagħti l-aħħar cans liz-zewġ imputati sabiex jirriformaw ruħhom. Huwa għalhekk li mhux sejra tagħti piena ta' ħabs effettiv, anke tenut kont li t-tnejn li huma ġia għamlu perjodu mizmuma taħt arrest preventiv.

**Din il-Qorti hija konxja wkoll mill-provi li ġew prodotti quddiemha li kemm Grima kif wkoll Sciberras inqabdu fix-xibka tad-droga u li din għamlitilhom ħafna ħsara. Fil-kaz ta' Kane Grima huwa rnexxielu jidħol program ta' rijabilitazzjoni u jidher li qiegħed miexi fit-triq it-tajba. Infatti jinsab fil-fazijiet konklussivi tal-programm. Għar-rigward ta' Perrie Sciberras jidher li dan huwa afflitt minn kundizzjonijiet ta' saħħa u infatti kien beda jagħmel uzu mill-cannabis għall-skopijiet ta' kura. Infatti l-uzu tiegħu tal-cannabis illum jinsab regolarizzat. Sciberras għandu wkoll bzonn ta' għajnuna psikologika. Sentenza ta' ħabs għalhekk zgur li mhux se tghinu; anzi se tkompli tgħaffeġ lill-istess individwu.**

Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li l-Qorti sejra għalhekk timponi sentenza sospiza ta' ħabs fil-massimu tagħha fil-konfront ta' Kane Grima u ordni ta' probation fil-massimu tagħha fil-konfront ta' Perrie Daniel Amarni Sciberras.

**DECIDE**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti:

(a) **<u>mhux qiegħda issib lill-imputat Josef Galea ħati</u>** tal-akkuzi kollha li ġew dedotti fil-konfront tiegħu u qiegħda għalhekk tilliberah minnhom;

(b) **<u>Mhux qiegħda issib lill-imputat Kane Grima</u>** ħati tal-għaxar (10) u tat-tlettax (13) -il imputazzjoni dedotta fit-tielet parti tal-komparixxi taħt il-parti tal-akkuzi li kienu jikkoncernaw lil Kane Grima u Josef Galea kif wkoll tal-erbatax (14) u t-tmintax (18) -il imputazzjoni dedotta fir-raba' parti tal-komparixxi taħt il-parti tal-akkuzi li jikkoncernaw lil Kane Grima waħdu;

(c) **<u>Tastjeni milli tieħu konjizzjoni</u>** tal-ħdax (11) u t-tnax (12) -il imputazzjoni in kwantu dawn jikkoncernaw lill-imputat Kane Grima, liema imputazzjonijiet jinsabu fit-tielet parti tal-komparixxi taħt il-parti tal-akkuzi li tikkoncerna lil Kane Grima u Josef Galea. Dan għaliex dawn huma identici għall-ewwel zewġ imputazzjonijiet fl-ewwel parti tal-komparixxi taħt il-parti tal-akkuzi li kienu jikkoncernaw li tlett imputati u li tagħhom l-imputat Kane Grima sejjer jinstab ħati tagħhom;

(d) Wara li rat l-artikoli 17, 23, 31, 48A, 86, 261(a), 261(c), 261(f), 262, 267, 270, 275, 276, 277, 279(a), 279(b), 280 u 281, 334(a), 532A, 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 5(1), 41,

51(2), 51(8) u 56 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta qegħda issib:

- **<u>Lill-imputati Kane Grima u Perrie Daniel Amarni Sciberras ħatja</u>** tal-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet dedotti fl-ewwel parti tal-komparixxi taħt il-parti tal-akkuzi li kienu jikkoncernaw lit-tlett imputati;

- **<u>Lill-imputati Kane Grima u Perrie Daniel Amarni Sciberras ħatja</u>** tal-imputazzjonijiet numri wieħed (1), tnejn, (2) u tlieta (3) dedotti fit-tieni parti tal-komparixxi taħt il-parti tal-akkuzi li kienu jikkoncernaw lill-imputati Kane Grima u Perrie Daniel Amarni Sciberras;

- **<u>Lill-imputat Kane Grima waħdu ħati</u>** tar-raba' (4), il-ħames (5), is-sitta (6), is-sebgħa (7), it-tmienja (8) u d-disgħa (9) imputazzjonijiet dedotti fit-tielet parti tal-komparixxi taħt il-parti tal-akkuzi li kienu jikkoncernaw lil Kane Grima u Josef Galea;

- **<u>Lill-imputat Kane Grima waħdu ħati</u>** tal-ħmistax (15), sittax (16) u sbatax (17) -il imputazzjoni dedotta fir-raba' parti tal-komparixxi taħt il-parti tal-akkuzi li kienu jikkoncernaw lil Kane Grima waħdu.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda tikkundanna lill-imputat **<u>Kane Grima</u>** għall-piena komplessiva ta' sentejn (2) priġunerija li bl-applikazzjoni tal-istess artikolu 28A tal-Kap. 9 għandhom jibqgħu sospizi għall-perijou ta' erba' (4) snin mil-lum.

In oltre l-Qorti a tenur tal-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 il-Qorti spjegat lill-imputat Kane Grima bi kliem car u semplici l-konsegwenzi li jistgħu jirrizultaw bl-applikazzjoni tal-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk l-istess Kane Grima jikkommetti reat li għalih hemm piena ta' priġunerija matul il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza li qiegħda tingħata illum.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 7(1) kif wkoll l-artikolu 2 u 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda tpoġġi lill-imputat **Perrie Daniel Amarni Sciberras** taħt ordni ta' probation għall-perjodu ta' tlett (3) snin millum b'dan li għal dan l-iskop qiegħda tordna li l-istess imputat Perrie Daniel Amarni Sciberras jitqiegħed taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-Perrie Daniel Amarni Sciberras bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas ta' adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi. Il-ħati jiddikjara li jaqbel ma' tali ordni.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation bid-digrieti ta'

llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas- Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' Perrie Daniel Amarni Sciberras. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħatja kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 532A tal-Kap. 9 u b'applikazzjoni ta' dak li jistipula l-istess artikolu li jagħmel riferenza għall-artikolu 24 tal-Kap. 446 qiegħda tikkundanna lill-imputati sabiex fi kwoti indaqs bejniethom huma jħallsu fi zmien tliet snin millum **is-somma ta' tmient elef, tmien mija u tmienja u erbghin ewro (€8,848) jigifieri erbat elef, erba' mija u erbgha u ghoxrin ewro (€4,424) kull wiehed**, lis-segwenti persuni l-ammont li huma serqu minn għandhom, precizament:

(a) L-ammont ta' elf u sitt mitt ewro (€ 1,600) lil Philip Gatt bħala s-sid tal-istabbiliment Drinks and More fi Vjal ir-Rihan, San Gwann, Malta;

(b) L-ammont ta' elfejn disa' mija u tmienja u għoxrin ewro (€ 2,928) lil Rino Micallef bħala s-sid tal-istabbiliment The Convenience Shop fi Triq l-Isqof F.S. Caruana, Msida, Malta;

(c) L-ammont ta' elfejn u erba' mitt ewro (€ 2,400) lil Carmel Catania bħala s-sid tal-istabbiliment "Tal-Kantuniera Convenience Store", fi Triq d' Arġens, Gzira, Malta;

(d) L-ammont ta' disa' mitt ewro (€ 900) lil Ivan Calleja bħala s-sid tal-istabbiliment "The Convenience Shop" fi Triq il-Gzira, Gzira, Malta;

(e) L-ammont ta' elf u għoxrin ewro (€ 1,020) lil Joseph Cardona bħala s-sid tal-Banka tal-Lottu fi Triq il-Mensija, San Ġwann, Malta.

Din l-ordni li qed tingħata għandha titqies bħal li kieku kienet ordni mogħtija minn Qorti Civili kompetenti u għalhekk għandha jkollha effett ta' titolu ezekuttiv u tista' tiġi infurzata bl-istess mod bħal li kieku din ingħatat f'azzjoni ċivili bejn il-ħati u l-vittmi.

In oltre l-Qorti wara li rat wkoll l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qiegħda tikkundanna lill-ħatja sabiex huma jħallsu lir-Reġistratur tal-Qorti fi kwoti indaqs bejniethom fi zmien tliet snin millum **zewg terzi tas-somma ta' ghaxart elef Ewro, seba' mija u tmintax u sebgha u sebghin centezmu (€10,718.77)[9] jigifieri tliet elef, hames mija, tnejn u sebghin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€3,572.95) kull wiehed**, rapprezentanti l-ispejjez tal-esperti inkorsi f'dawn il-proceduri u fil-kors

[9] Xjenzat Godwin Sammut - €177.00 ( a fol 290A); A.I.C. Richard Aquilina - €263.32 ( a fol 404); Dr. Steven Farrugia Sacco - €994.98 ( a fol 432A); Dr. Martin Bajada - €430.41 ( a fol 468A); Vincent E. Ciliberti - €454.54 ( a fol 503A); Kurt Mahoney - €1,041.33 ( a fol 568); PS 404 Paul Camilleri - €58.32 ( a fol 576); PS 186 Kristian Mintoff - €60.27 ( a fol 581); Dr. Anthony Cutajar - €405.92 ( a fol 604A); PS 637 Kevin Manicolo u PC 1525 Patrick Farrugia - €239.30 ( a fol 637) u €240.70 ( a fol 638); PS 122 Arthur Borg - €58.76 ( a fol 682); 659 Jeffrey Hughes - €200.77 ( a fol 698); PS 404 Paul Camilleri - €109.62 ( a fol 719); PS 637 Kevin Manicolo - €40.14 ( a fol 743); PS 186 Kristian Mintoff - €53.29 ( a fol 756); 826 Matthew Parnis - €8.73 ( a fol 763); Joseph Mallia - €987.44 ( a fol 886); Dr. Martin Bajada - €885.00 ( a fol 900); Dr. Marisa Cassar - €3,469.20 ( a fol 995); Dr. Mark A. Mifsud Cutajar - €539.73 ( a fol 1056A).

tal-atti tal-inkjesti dwar l-in genere relatati mas-serqiet mertu ta' dan il-kaz.

Fl-aħħar nett il-Qorti wara li rat l-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-mutur tal-marka Piaggio Typhoo bin-numru tar-reġistrazzjoni EAD 608 kif wkoll l-pistola esebita fl-atti ta' dan il-kaz u markata bħala Dokument 16API 201A u 16API 201B.

---

**Dr Joseph Mifsud**

**Maġistrat**